MT 2016

Nru 05

Rapport Speċjali

# Il-Kummissjoni żgurat l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar is-Servizzi?

CURIA RATIONUM

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-872-4190-0 | ISSN 1831-0907 | doi:10.2865/7245 | QJ-AB-16-002-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-872-4135-1 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/97201 | QJ-AB-16-002-MT-N |
| EPUB | ISBN 978-92-872-4158-0 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/61731 | QJ-AB-16-002-MT-E |

© L-Unjoni Ewropea, 2016
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

MT 2016

Nru 05

Rapport Speċjali

# Il-Kummissjoni żgurat l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar is-Servizzi?

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

# Tim tal-awditjar



Ir-rapporti speċjali tal-QEA jagħtu r-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha li jikkonċernaw oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex ikollhom impatt massimu billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni ġie prodott mill-Awla IV tal-Awditjar — immexxija minn Milan Martin Cvikl, Membru tal-QEA — li tispeċjalizza fl-awditjar ta' dħul, riċerka u politiki interni, governanza ekonomika u finanzjarja, u istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni Ewropea. L-awditu tmexxa minn Neven Mates, Membru tal-QEA, b'appoġġ mill-Kap tal-kabinett tiegħu, Georgios Karakatsanis u Marko Mrkalj, Attaché; Paul Stafford, Maniġer Prinċipali; Wayne Codd, Kap tal-Kompitu; Sandra Dreimane, Jurgen Manjé u Wolfgang Stolz, awdituri.



*Mix-xellug għal-lemin:* J. Manjé, P. Stafford, N. Mates, W. Codd, S. Dreimane, G. Karakatsanis.

# Werrej



Paragrafu

Glossarju u abbrevjazzjonijiet

I-VIII Sommarju eżekuttiv

1-11 Introduzzjoni

6-7 Objettivi tad-Direttiva dwar is-Servizzi

8-11 Rwoli u responsabbiltajiet

12-13 Ambitu u approċċ tal-awditjar

14-110 Osservazzjonijiet

16-42 Traspożizzjoni u monitoraġġ tal-implimentazzjoni

16-18 Il-Kummissjoni assistiet u mmonitorjat it-traspożizzjoni

19-20 Għoxrin Stat Membru ttardjaw biex jagħmlu t-traspożizzjoni

21-27 Evalwazzjonijiet reċiproċi kienu prattika innovattiva, immaniġġjata tajjeb mill-Kummissjoni, u dawn sussegwentement intużaw ukoll għal Direttivi oħra

28-29 Għad fadal ħafna x'isir għal implimentazzjoni b'suċċess

30-32 Saru kontrolli tal-prestazzjoni dwar kif il-leġiżlazzjoni tal-UE taħdem f'xenarji kummerċjali prattiċi

33-34 L-eżiti wasslu għal aktar proposti leġiżlattivi mill-Kummissjoni

35-36 Il-Kummissjoni setgħet użat ir-riżultati aħjar biex tinforza d-Direttiva dwar is-Servizzi b'mod sistematiku

37-42 Ma saritx valutazzjoni tal-impatt ekonomiku

43-77 Implimentazzjoni

43-45 L-għodod u l-appoġġ ipprovduti mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi ma ntużawx biżżejjed u għalhekk huma biss parzjalment effettivi

46-52 Dewmien fl-istabbiliment ta' Punti ta' Kuntatt Waħdieni u kwalità li tvarja madwar l-Istati Membri

53-55 Huwa diffiċli biex jinstabu Punti ta' Kuntatt Waħdieni, u ftit hemm għarfien kummerċjali

56-64 Ftit li xejn hemm kooperazzjoni amministrattiva fi kwistjonijiet relatati mad-Direttiva dwar is-Servizzi

65-71 Il-konsumaturi jkomplu jiltaqgħu ma' problemi biex jaċċessaw is-suq uniku għas-servizzi

# Werrej



72-75 Il-fornituri ta' servizzi għadhom jiddiskriminaw b'mod inġust

76-77 Ir-riżoluzzjoni tal-problemi

78-110 Infurzar

78-79 Il-Kummissjoni tuża għadd ta' għodod ta' infurzar

80-85 Solvit rarament jintuża għad-Direttiva dwar is-Servizzi

86-93 EU Pilot — sistema ta' qabel il-ksur li hija apprezzata mill-Istati Membri

94-99 Il-Kummissjoni bilkemm użat il-proċeduri ta' ksur

100-101 Każijiet ta' ksur jieħdu wisq fit-tul

102-104 Ilmenti individwali relatati ma' servizzi jingħataw segwitu fuq bażi regolari; madankollu, hemm perjodi twal ta' inattività matul il-proċeduri ta' ksur

105-107 Każ wieħed biss ġie riferut lill-Qorti tal-Ġustizzja

108-110 Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi kellhom suċċess limitat

111-120 Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

112-114 Traspożizzjoni u monitoraġġ tal-implimentazzjoni

115-118 Implimentazzjoni

119-120 Infurzar

Ir-risposta tal-Kummissjoni

# Glossarju u abbrevjazzjonijiet



**CHAP**: Sistema tal-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni ta' lmenti

**CPC**: Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur

**CSRs**: Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi

**ECC-net**: Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi

**ESA**: Sistema Ewropea tal-Kontijiet

**EU Pilot**: EU Pilot jinvolvi kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-konformità tal-liġi nazzjonali mal-liġi tal-UE jew l-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-UE. Dan jintuża bħala l-ewwel pass bl-għan li jiġu evitati proċedimenti formali ta' ksur jekk dan ikun possibbli.

**IMI**: Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

**NACE Rev 2**: Klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea

**PDG:** Prodott Domestiku Gross

**PQD**: Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali

**PSC**: Punt ta' Kuntatt Waħdieni

**QtĠ**: Qorti Ewropea tal-Ġustizzja

**SM**: Stat(i) Membru/i

**Solvit**: Mekkaniżmu Alternattiv għar-Riżoluzzjoni ta' Tilwim li ġie stabbilit biex jgħin lil ċittadini u negozji tal-UE li ġew rifjutati l-possibbiltà li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tas-Suq Intern Ewropew minħabba li amministrazzjoni pubblika fi Stat Membru ieħor tkun applikat il-leġiżlazzjoni tas-Suq Intern b'mod skorrett.

**Sweeps**: Skrinjar ta' siti web madwar l-UE kollha f'setturi online partikolari

**TFUE**: Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

**UE**: Unjoni Ewropea

# Sommarju eżekuttiv



## I

Filwaqt li s-suq uniku għall-merkanzija huwa żviluppat tajjeb f'termini ta' kummerċ intra-UE, huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li s-suq tas-servizzi ma kisibx il-potenzjal sħiħ tiegħu. Id-Direttiva dwar is-Servizzi tindirizza attivitajiet ta' servizzi li jkopru bejn wieħed u ieħor 46 % tal-PDG tal-UE, bl-għan li jitnaqqsu l-ostakli legali u amministrattivi kemm għall-fornituri kif ukoll għar-riċevituri ta' servizzi. Dan għandu jinkiseb mill-Istati Membri permezz tat-traspożizzjoni legali tad-Direttiva, aktar trasparenza u proċeduri ssimplifikati li jagħmluha aktar faċli biex negozji u konsumaturi jipprovdu jew jirċievu servizzi fis-Suq Uniku.

## II

L-awditu tal-Qorti ffoka fuq l-azzjonijiet li l-Kummissjoni Ewropea kienet ħadet biex tappoġġa l-Istati Membri, minbarra f'eżami tal-miżuri ta' infurzar li għandhom iwasslu għal riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità, li jillimitaw il-funzjonament xieraq tas-suq uniku għas-servizzi.

## III

Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri ma ttrasponewx id-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-ħin. Madankollu, matul il-proċess, il-Kummissjoni mmonitorjat il-progress u pprovdiet appoġġ biex tgħin fl-implimentazzjoni tad-Direttiva matul u wara t-traspożizzjoni, billi orgranizzat il-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka kif ukoll billi pprovdiet gwida matul laqgħat tematiċi u regolari ta' gruppi ta' esperti.

## IV

L-evalwazzjonijiet reċiproċi u l-kontrolli tal-prestazzjoni fis-setturi mmirati kienu utli għall-Istati Membri iżda ddimostraw ukoll li għadu jippersisti għadd sinifikanti ta' ostakli. Il-Kummissjoni ma tathomx biżżejjed segwitu, u b'mod partikolari qagħdet lura milli tikkontesta l-ġustifikazzjoni ta' "proporzjonalità" li ntużat minn xi Stati Membri biex iżommu rekwiżiti li ma jikkonformawx.

## V

Il-Kummissjoni kienet biss parzjalment effettiva fl-iżgurar tal-implimentazzjoni tad-Direttiva. Xi snin wara l-2009, li kienet id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni, għad fadal xi ostakli għas-suq intern għal servizzi li huma koperti mid-Direttiva, u l-Kummissjoni qiegħda toqgħod lura milli tagħti bidu għal proċedimenti legali, sa ċertu punt minħabba t-tul tal-proċedura ġudizzjarja iżda wkoll minħabba nuqqas ta' saħħa fil-leġiżlazzjoni. Intużaw miżuri bħal Solvit u EU Pilot biex jiġu riżolti problemi, iżda mingħajr ma kien hemm ir-riżultati rapidi meħtieġa kemm min-negozji kif ukoll mir-riċevituri ta' servizzi. Il-konsumaturi għadhom ma jibbenefikawx mil-livell ta' aċċess għas-Suq Intern tas-servizzi li huwa intenzjonat mid-Direttiva

## VI

Il-benefiċċju ekonomiku potenzjali tal-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva għadu mhuwiex magħruf, għalkemm spiss il-gwadanji stmati fl-output jiġu kkwotati biex jiġi ddimostrat l-impatt tat-tnaqqis ta' ostakli. Minħabba fin-nuqqas ta' *data* ddettaljata b'mod xieraq dwar setturi affettwati mid-Direttiva, għad ma hemm ebda kwantifikazzjoni affidabbli tal-impatt tagħha.

## VII

Fost ir-rakkomandazzjonijiet tagħha, il-Qorti, b'mod partikolari, titlob lill-Kummissjoni biex tkun aktar awdaċi fl-infurzar tad-Direttiva, billi:

- tagħti segwitu għal riżultati minn eżerċizzji bħall-evalwazzjoni reċiproka u l-kontrolli ta' prestazzjoni biex tirriżolvi n-nuqqas ta' konformità; u, flimkien mal-Istati Membri, tindirizza l-kwistjonijiet li huma l-aktar sinifikanti ekonomikament;
- tibda każijiet ta' EU Pilot kemm jista' jkun malajr meta jiġi identifikat li hemm problema. Informazzjoni dwar riżoluzzjonijiet għandha tiġi kondiviża;
- tnaqqas kemm jista' jkun it-tul tal-proċeduri ta' ksur;
- tiffereri kwistjonijiet importanti ta' nuqqas ta' implimentazzjoni u ta' applikazzjoni skorretta lill-Qorti tal-Ġustizzja.

## VIII

Barra minn hekk:

- il-Kummissjoni għandha tabbozza gwida għat-traspożizzjoni u toħroġha malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni;
- il-Kummissjoni għandha tagħmel sforz biex tiżgura li l-kwistjoni ta' *data* meħtieġa għall-valutazzjoni tal-impatt ta' leġiżlazzjoni ġdida tiġi indirizzata kmieni fil-proċedura leġiżlattiva;
- l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-Karta dwar il-Punti ta' Kuntatt Waħdieni billi, pereżempju, jagħmlu informazzjoni disponibbli f'ħafna lingwi u jippermettu l-ikkompletar tal-passi amministrattivi kollha meħtieġa għall-forniment ta' servizzi b'mod transkonfinali;
- il-leġiżlatur għandu jintroduċi perjodu ta' waqfien għan-notifika tal-abbozz ta' rekwiżiti u jiżgura li dawn jiġu ppubblikati fuq sit web li jkun disponibbli għall-pubbliku, biex ikun hemm aċċess aħjar u skrutinju f'waqtu;
- ir-reviżjoni tar-Regolament dwar Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur għandha testendi l-kamp ta' applikazzjoni biex dan jinkludi l-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

# Introduzzjoni



## 01

Id-Direttiva dwar is-Servizzi (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-Direttiva) ġiet adottata fl-2006 bl-għan li tnaqqas ostakli legali u amministrattivi kemm għall-fornituri kif ukoll għar-riċevituri ta' servizzi. Dan għandu jinkiseb mill-Istati Membri (SM) permezz tat-traspożizzjoni legali tad-Direttiva, aktar trasparenza u proċeduri ssimplifikati li jagħmluha aktar faċli biex negozji u konsumaturi jipprovdu jew jagħmlu użu minn servizzi fis-Suq Uniku. Hija tkopri servizzi li jikkontribwixxu 46 %[1] tal-PDG tal-UE. Il-pajjiżi kollha tal-UE kellhom jimplimentawha sa tmiem l-2009.

## 02

L-oriġini tad-Direttiva tmur lura għall-1997 meta l-Kummissjoni ppreżentat il-Pjan ta' Azzjoni għal suq uniku[2], fejn appellat għat-tneħħija ta' ostakli settorjali għall-integrazzjoni tas-suq. Dokumenti li ġew wara ffukaw speċifikament fuq servizzi, bl-argument li firxa ta' ostakli fis-suq intern tas-servizzi tirriżulta fi tfixkil konsiderevoli għall-ekonomija tal-UE u għall-potenzjal tagħha ta' tkabbir, ta' kompetittività u ta' ħolqien ta' xogħol[3], u eventwalment dan wassal għal proposta, fl-2004, għal Direttiva dwar is-Servizzi (spiss imsejħa d-Direttiva Bolkestein) li bbażat il-moviment liberu ta' servizzi fuq il-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini. Dan jimplika li l-fornituri ta' servizzi għandhom jikkonformaw biss mar-regolamenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment, irrispettivament minn fejn fil-fatt tkun twettqet l-attività ta' servizz. Madankollu, il-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini ġie abbandunat fuq talba tal-Parlament Ewropew[4]. Id-Direttiva dwar is-Servizzi[5], adottata fl-2006, minflok introduċiet obbligu għall-Istati Membri biex "jiżgura(w) aċċess liberu (għal) u eżerċizzju liberu ta' attività ta' servizz fi ħdan it-territorju" tagħhom u biex ma "jissuġġettaw l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha għal ebda rekwiżit... li ma jirrispettax il-prinċipji ta' non-diskriminazzjoni, ħtieġa u proporzjonalità"[6].

## 03

Id-Direttiva eżentat għadd ta' attivitajiet ekonomiċi: servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali, servizzi finanzjarji, komunikazzjonijiet elettroniċi, aġenziji ta' xogħol temporanju, kura tas-saħħa, servizzi awdjoviżivi, logħob tal-flus, attivitajiet konnessi mal-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali, servizzi soċjali, servizzi privati ta' sigurtà, nutara u uffiċjali ġudizzjarji (bailiffs) u tassazzjoni. Id-Direttiva lanqas ma taffettwa l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar is-sigurtà soċjali.

1 SWD(2014) 131 final tal-31 ta' Marzu 2014 "Work plan for reporting on national reforms in services markets" (Pjan ta' ħidma għar-rappurtar dwar riformi nazzjonali fis-swieq tas-servizzi).

2 CSE(97)1 final tal-4 ta' Ġunju 1997 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew "Action plan for the single market" (Pjan ta' azzjoni għas-suq uniku).

3 COM(2002) 441 final tat-30 ta' Lulju 2002 "Report from the Commission to the Council and the European Parliament on the state of the internal market for services" (Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar l-istat tas-suq intern tas-servizzi).

4 COM/2013/547 final tal-24 ta' Lulju 2013 "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2013/36/UE u 2009/110/KE u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE".

5 Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

6 L-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar is-Servizzi. Proporzjonalità: ir-rekwiżit għandu jkun adatt biex jikseb l-objettivi mfittxa, u m'għandux imur lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dan l-objettiv.

## 04

Filwaqt li s-suq uniku għall-merkanzija huwa żviluppat tajjeb f'termini ta' kummerċ intra-UE, huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li s-suq tas-servizzi ma kisibx il-potenzjal sħiħ tiegħu, bil-ħtieġa għal tkabbir li ġiet enfasizzata mill-Parlament Ewropew fir-rapport Corazza Bildt[7] dwar is-Suq Intern tas-Servizzi u aktar reċentement fir-rapport Cofferati[8]. Fid-dawl tal-importanza tas-servizzi fl-ekonomija Ewropea, l-impatt tal-implimentazzjoni b'suċċess tad-Direttiva huwa potenzjalment għoli ħafna.

## 05

Id-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni ġiet stabbilita għall-2009, iżda l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2013 ddikjarat li "l-Ewropa għadha ma kisbitx l-ambizzjonijiet tagħha dwar is-suq uniku, b'mod partikolari fl-oqsma ewlenin bħal l-ekonomija diġitali, l-enerġija u s-servizzi". F'Jannar 2014, il-Kunsill enfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jittejjeb il-mod ta' kif ir-regoli tas-Suq Intern jiġu implimentati, applikati u infurzati[9].

## Objettivi tad-Direttiva dwar is-Servizzi

## 06

L-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva għandha telimina l-burokrazija żejda u tiffaċilita b'mod sinifikanti l-istabbiliment ta' fornituri ta' servizzi kemm lokalment kif ukoll barra mill-pajjiż. Din għandha tiffaċilità l-forniment transkonfinali ta' servizzi. Biex jgħinu fil-ksib ta' dan l-objettiv, l-Istati Membri huma meħtieġa jistabbilixxu "Punti ta' Kuntatt Waħdieni" (PSC), li għandhom jassistu lin-negozji billi jipprovdu informazzjoni komprensiva dwar il-proċeduri meħtieġa biex jiġu offruti u pprovduti servizzi, u billi jippermettulhom li jikkompletaw il-formalitajiet meħtieġa online. Id-Direttiva ssaħħaħ ukoll id-drittijiet tar-riċevituri ta' servizzi, b'mod partikolari tal-konsumaturi, billi tipprojbixxi d-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità jew tar-residenza.

## 07

L-ostakli li d-Direttiva hija intenzjonata li telimina jinkludu[10]:

(a) ir-rekwiżiti diskriminatorji bbażati direttament jew indirettament fuq in-nazzjonalità jew, f'każ ta' kumpaniji, il-post tal-uffiċċji rreġistrati tagħhom;

(b) il-projbizzjoni li fornituri ikollu stabbiliment f'aktar minn Stat Membru wieħed jew li jkun jinsab fir-reġistri jew ikun irreġistrat ma' korpi jew assoċjazzjonijiet professjonali f'aktar minn Stat Membru wieħed;

7 Ir-rapport Corazza Bildt dwar is-Suq Intern tas-Servizzi: Is-sitwazzjoni attwali u l-Passi li Jmiss ( 2012/2144(INI) (http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+REPORT+A7-2013-0273+0+DOC+XML+V0//MT).

8 Ir-rapport Cofferati dwar il-governanza tas-Suq Uniku fil-qafas tas-Semestru Ewropew 2014 (2013/2194(INI)) (http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+REPORT+A7-2014-0066+0+DOC+XML+V0//MT).

9 Nota dwar il-pjan ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2014 dwar ir-rappurtar fuq riformi nazzjonali fis-swieq tas-servizzi, 5431/14, COMPET 29, MI 51, il-Kunsill tal-UE, Brussell, it-22 ta' Jannar 2014.

10 Kif deskritti fl-Artikolu 14 tad-Direttiva.

(c) l-obbligu li fornitur ikollu l-istabbiliment prinċipali tiegħu fit-territorju riċevitur;

(d) il-kundizzjonijiet ta' reċiproċità mal-Istat Membru fejn il-fornitur diġà għandu stabbiliment;

(e) il-kundizzjoni ta' riżultat pożittiv f'test dwar il-ħtieġa ekonomika jew dwar id-domanda tas-suq għall-ksib ta' awtorizzazzjoni, jew evalwazzjoni obbligatorja tal-effetti ekonomiċi potenzjali jew attwali tal-attività, jew evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-attività għal dak li huwa relatat mal-objettivi tal-ippjanar ekonomiku stabbiliti mill-awtorità kompetenti;

(f) l-involviment ta' operaturi li jikkompetu, inkluż fi ħdan korpi konsultattivi, fil-proċess tal-għoti ta' awtorizzazzjonijiet jew fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet rilevanti oħrajn tal-awtoritajiet kompetenti;

(g) il-garanziji finanzjarji, inkluż kwalunkwe obbligu biex jinkisbu poloz ta' assigurazzjoni minn fornitur jew korp stabbilit fit-territorju riċevitur;

(h) l-obbligu li persuna tkun reġistrata minn qabel, għal perjodu ffissat, fir-reġistri miżmuma fl-Istat Membru jew li tkun wettqet l-attività qabel għal perjodu ffissat fit-territorju tagħhom.

## Rwoli u responsabbiltajiet

### 08

Id-Direttiva tistipula r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

### 09

L-Istati Membri huma responsabbli għat-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-leġiżlazzjoni tagħhom u għal għadd ta' kompiti li jikkonċernaw is-segwitu tat-traspożizzjoni permezz ta' evalwazzjoni reċiproka (ara l-paragrafi 21 sa 29) biex jiffaċilitaw l-assistenza għal negozji bl-istabbiliment ta' Punti ta' Kuntatt Waħdieni (PSCs). Din hija l-ewwel darba li l-Istati Membri kienu legalment obbligati jistabbilixxu servizzi ta' Governanza elettronika bħal dawn u li jagħmluhom disponibbli għal utenti transkonfinali.

# Introduzzjoni

10
Solvit huwa mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim li ġie stabbilit biex jgħin lil ċittadini u negozji tal-UE li ma ngħatawx il-possibbiltà li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom relatati mas-Suq Intern Ewropew minħabba li amministrazzjoni pubblika fi Stat Membru ieħor tkun applikat il-leġiżlazzjoni tas-Suq Intern b'mod skorrett. Is-sistema topera permezz ta' netwerk ta' Ċentri Solvit ibbażati fl-amministrazzjoni nazzjonali ta' kull Stat Membru. Solvit huwa alternattiva prattika għal mekkaniżmi formali għar-riżoluzzjoni ta' problemi bħal proċeduri nazzjonali tal-qorti jew ilmenti lill-Kummissjoni Ewropea.

11
Id-DĠ Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs (li qabel kien id-DĠ Suq Intern u Servizzi) jikkoordina l-politika tal-Kummissjoni dwar is-Suq Uniku Ewropew u jfittex it-tneħħija ta' ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ, b'mod partikolari fil-qasam tas-servizzi u tas-swieq finanzjarji. Huwa għandu jimmonitorja kif il-liġi tal-UE qed tiġi implimentata fil-prattika, jassisti lill-Istati Membri u jagħti bidu għal proċeduri ta' ksur meta dan ikun meħtieġ.

# Ambitu u approċċ tal-awditjar



12
Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar tal-Qorti kienet li jiġi vvalutat jekk il-Kummissjoni żguratx implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva. Din ġiet maqsuma f'żewġ sottomistoqsijiet:

(a) Il-Kummissjoni mmonitorjat u evalwat l-implimentazzjoni tad-Direttiva b'mod adegwat?

(b) Il-Kummissjoni ffaċilitat u infurzat biżżejjed l-implimentazzjoni tad-Direttiva?

13
Twettqu intervisti u sar eżami tal-fajls fil-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-awditu kien jinkludi żjarat ta' tiftix tal-fatti f'firxa ta' ministeri responsabbli, organizzazzjonijiet kummerċjali, kmamar tal-kummerċ u korpi għall-konsumaturi f'seba' Stati Membri, biex tinġabar informazzjoni dwar l-ostakli għall-kummerċ li kien għad fadal u dwar l-effettività tal-mekkaniżmi eżistenti għall-eliminazzjoni tagħhom. Il-Qorti għażlet Stati Membri li kellhom kummerċ transkonfinali sinifikanti: il-Ġermanja, ir-Renju Unit, l-Awstrija, is-Slovakkja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall. Barra minn hekk, ġew ikkonsultati wkoll għadd ta' organizzazzjonijiet Ewropej.

14
Wara tmiem il-proċess ta' traspożizzjoni fl-2009, il-Kummissjoni ppruvat tidentifika oqsma li fihom id-Direttiva ma kinitx ġiet implimentata, filwaqt li stabbilixxiet ukoll bosta mekkaniżi għat-tnaqqis tal-ostakli li kien għad fadal. Madankollu, l-ostakli għadhom hemm, u xi wħud minnhom huma dovuti għall-abbozzar mhux ċar tad-Direttiva. Il-Kummissjoni qagħdet lura milli tieħu miżuri ta' ksur, minn banda minħabba f'nuqqas ta' solidità fil-bażi legali u mill-banda l-oħra minħabba fit-tul ta' żmien meħtieġ biex proċedura legali bħal din tinforza l-konformità (bosta snin anke jekk l-iskambji jsiru fil-ħin).

15
Għadu mhuwiex possibbli li jiġi evalwat il-punt sa fejn il-benefiċċji ekonomiċi mistennija tad-Direttiva ġew irrealizzati. Filwaqt li l-Kummissjoni ppubblikat stimi dwar gwadanji potenzjali fil-PDG mid-Direttiva, dan ġie stmat abbażi ta' *data* approssimata. Il-Kummissjoni ma bdiet ebda sforz sistematiku għall-kompilazzjoni ta' *data* dwar kummerċ transkonfinali fis-servizzi koperti mid-Direttiva qabel l-2014. Barra minn hekk, fl-2015 din id-*data* għadha mhijiex disponibbli, li jagħmilha impossibbli li jiġu vvalutati t-tkabbir fis-servizzi transkonfinali jew iż-żidiet fil-PDG li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva.

## Traspożizzjoni u monitoraġġ tal-implimentazzjoni

### Il-Kummissjoni assistiet u mmonitorjat it-traspożizzjoni

16
Id-Direttiva daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Diċembru 2006 u ssettjat id-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni għat-28 ta' Diċembru 2009. It-traspożizzjoni kienet eżerċizzju oneruż għall-Istati Membri, billi kopriet leġiżlazzjoni dwar għadd kbir ta' attivitajiet ekonomiċi, u għalhekk id-Direttiva ppermettiet tliet snin minflok is-sentejn normali.

17
Il-Kummissjoni ppubblikat il-"Manwal dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi", li kellu l-għan li jipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri billi jiddeskrivi approċċi xierqa għall-implimentazzjoni. Madankollu, dan sar biss disponibbli fil-lingwi kollha kważi sena wara l-approvazzjoni tad-Direttiva[11]. Rappreżentanti tal-Istati Membri miżjura rrappurtaw li l-manwal kien gwida utli, għalkemm huma qiesu li l-impatt tiegħu kien ikun akbar li kieku sar disponibbli f'qasir żmien wara li d-Direttiva kienet daħlet fis-seħħ. Minbarra l-Manwal, il-Kummissjoni pprovdiet konsulenza lill-Istati Membri permezz ta' żjarat ta' monitoraġġ u billi rrispondiet għall-mistoqsijiet tagħhom.

11 Il-verżjonijiet lingwistiċi kollha ġew ippubblikati fuq l-internet f'Novembru 2007, u l-verżjoni lingwistika bl-Ingliż biss kienet disponibbli fit-30 ta' Lulju 2007.

18
Permezz ta' xogħol bilaterali u appoġġ mogħti lill-Istati Membri, il-Kummissjoni ħadet il-passi meħtieġa biex timmonitorja l-progress fit-traspożizzjoni u rrappurtat dwaru lill-Kunsill Kompetittività. F'Ġunju 2012 hija ħarġet rapport aktar komprensiv fil-forma tal-"Pakkett għas-Servizzi"[12].

## Għoxrin Stat Membru ttardjaw biex jagħmlu t-traspożizzjoni

19
Id-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni ġiet irrispettata minn tmien Stati Membri biss[13]. Avviżi ta' tqegħid fil-mora ntbagħtu lill-Istati Membri li ma kinux innotifikaw it-traspożizzjoni, bħala sinjal ta' bidu tal-proċeduri ta' ksur. Fis-27 ta' Ottubru 2011, it-tliet każijiet[14] li sadanittant ma kinux ġew riżolti ġew riferiti lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Madankollu, dawn il-każijiet ġew riżolti qabel ġew ikkunsidrati mill-Qorti. L-aħħar Stat Membru li kkompleta t-traspożizzjoni kien il-Greċja fil-31 ta' Mejju 2012.

20
Il-Kummissjoni pprevediet li l-Punti ta' Kuntatt Waħdieni (ara l-paragrafi 44 sa 55) kien se jkollhom rwol sinifikanti fl-implimentazzjoni tad-Direttiva. Għalhekk il-Kummissjoni tathom prominenza fir-rappurtar tagħha dwar il-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni, filwaqt li qagħdet fuq l-analiżi tagħha kif ukoll fuq studji li saru minn organizzazzjonijiet kummerċjali. Sal-iskadenza tal-2009, 21 minn 27 Stat Membru kienu stabbilixxew PSCs tal-"Ewwel ġenerazzjoni"[15], għalkemm il-punt sa fejn il-proċeduri amministrattivi setgħu jiġu kkompletati online, u jintużaw b'mod transkonfinali, kien ivarja.

## Evalwazzjonijiet reċiproċi kienu prattika innovattiva, immaniġġjata tajjeb mill-Kummissjoni, u dawn sussegwentement intużaw ukoll għal Direttivi oħra

21
L-eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka previst fid-Direttiva ħtieġ li kull Stat Membru jivvaluta l-ġustifikazzjonijiet għar-rekwiżiti nazzjonali dwar il-fornituri ta' servizzi, u mbagħad jikkondividi s-sejbiet tiegħu ma' Stati Membri oħra. L-iskop tiegħu kien li jżid il-fehim tar-raġunijiet li fuqhom huma bbażati r-rekwiżiti stabbiliti u li jħeġġeġ lill-Istati Membri biex iqabblu l-approċċi regolatorji tagħhom u jikkondividu l-aħjar prattiki, filwaqt li jneħħu rekwiżiti li huma jaqblu li mhumiex ġustifikati.

12 COM (2012) 261 final tat-8 ta' Ġunju 2012 "Sħubija għal tkabbir ġdid fis-servizzi 2012-2015" u d-dokumenti ta' sostenn.

13 Ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Kroazja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Iżvezja.

14 Il-Ġermanja (magħluq fis-26.01.2012), l-Awstrija (magħluq fis-26.04.2012), il-Greċja (magħluq fil-31.05.2012).

15 PSCs tal-ewwel ġenerazzjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti limitati stabbiliti fid-Direttiva. PSCs tat-tieni ġenerazzjoni mhux biss għandhom jissodisfaw l-obbligi tad-Direttiva dwar is-Servizzi iżda għandhom imorru lil hinn minnhom, kemm f'termini ta' ambitu kif ukoll ta' funzjonalità, skont il-Karta dwar il-PSCs.

## 22

Id-Direttiva stabbilixxiet il-proċess u r-rekwiżiti għall-evalwazzjonijiet reċiproċi tal-qafas regolatorju applikabbli għall-attivitajiet ta' servizzi fl-Istati Membri. Sat-28 ta' Diċembru 2009, l-Istati Membri kellhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar: i) skemi ta' awtorizzazzjoni, ii) rekwiżiti nazzjonali speċifiċi li l-Istati Membri kellhom l-intenzjoni li jżommu u iii) attivitajiet multidixxiplinarji. L-Istati Membri kellhom jipprovdu spjegazzjonijiet li juru l-kompatibbiltà tal-iskemi ta' awtorizzazzjoni jew ir-rekwiżiti li jifdal mas-sustanza tad-Direttiva, jiġġustifikaw għalfejn dawk ir-rekwiżiti kienu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' non-diskriminazzjoni, neċessità u proporzjonalità, kif ukoll jindikaw liema fornituri baqgħu suġġetti għal rekwiżiti bħal dawn.

## 23

Il-Kummissjoni kkomunikat l-ispjegazzjonijiet dwar ir-rekwiżiti lill-Istati Membri l-oħra, u tathom sitt xhur biex jirrispondu. Il-Kummissjoni mbagħad ikkompletat rapport dwar il-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka fit-28 ta' Diċembru 2010, wara li kkoordinat ir-risposti tal-Istati Membri, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposti għal inizjattivi addizzjonali. Il-Kummissjoni kienet meħtieġa li tagħti segwitu għal dan fuq bażi annwali. Dan l-ewwel sar fil-forma tal-Pakkett għas-Servizzi, ippubblikat f'Ġunju 2012 u mbagħad permezz ta' inizjattivi bħal evalwazzjoni bejn il-pari dwar forma ġuridika, parteċipazzjoni azzjonarja u rekwiżiti tariffarji, evalwazzjoni tar-regolamenti nazzjonali dwar l-aċċess għal professjonijiet u l-aċċess għal sessjonijiet ta' ħidma tal-partijiet interessati involuti fl-assigurazzjoni.

## 24

Is-suċċess tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka fl-iskrinjar tal-leġiżlazzjoni ta' ħafna Stati Membri kien tant li aktar tard, din il-prattika ġiet emulata f'oqsma oħra bħad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, riveduta.

## 25

Il-metodoloġija ta' evalwazzjoni reċiproka kienet tikkonsisti fil-passi li ġejjin[16]: awtovalutazzjonijiet individwali tal-Istati Membri, diskussjonijiet fi gruppi ta' ħames Stati Membri, u laqgħat plenarji mal-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni nnutat it-titjib miksub bħas-sostituzzjoni ta' skemi ta' awtorizzazzjoni trażversali b'metodi inqas onerużi bħal dikjarazzjonijiet u l-abolizzjoni ta' skemi speċifiċi għal setturi, rekwiżiti minimi ta' kapital, projbizzjonijiet fuq il-pussess ta' aktar minn stabbiliment wieħed, tariffi obbligatorji u restrizzjonijiet kwantitattivi u territorjali[17].

16 KUMM(2011) 20 finali tas-27 ta' Jannar 2011 "Lejn funzjonament aħjar tas-Suq Uniku għas-servizzi — nibnu fuq ir-riżultati tal-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi", p. 6.

17 SEC(2011) 102 finali tas-27 ta' Jannar 2011, Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar il-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka tad-Direttiva dwar is-Servizzi, Dokument ta' akkumpanjament għal KUMM(2011) 20 finali, p. 10.

## 26

Saru passi sinifikanti lejn it-tneħħija ta' ostakli. Uffiċjali fl-Istati Membri miżjura qiesu l-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka kien wieħed mill-punti ewlenin tal-implimentazzjoni tad-Direttiva minħabba l-fatt li l-Istati Membri kellhom jikkooperaw b'mod intensiv fl-iskrinjar ta' ammonti kbar ħafna ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u reġjonali, biex tiġi vvalutata l-kompatibbiltà tagħha mad-Direttiva u mal-każistika eżistenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

## 27

L-Istati Membri miżjura rrikonoxxew il-fatt li l-Kummissjoni għamlet ħafna fuq livell prattiku biex tgħin fl-implimentazzjoni tad-Direttiva, billi organizzat diskussjonijiet fi gruppi għall-evalwazzjoni reċiproka kif ukoll billi ipprovdiet gwida matul il-laqgħat tematiċi u regolari tal-gruppi ta' esperti.

### Għad fadal ħafna x'isir għal implimentazzjoni b'suċċess

## 28

Ir-rapporti dwar il-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka indikaw li l-ostakli tneħħew parzjalment biss. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, mill-ostakli kollha li d-Direttiva tfittex li tneħħi għall-gruppi professjonali magħżula li ġew studjati, 10 % kienu tneħħew kompletament, 60 % kienu tneħħew parzjalment, u 30 % kienu għadhom hemm[18]. Dan jindika li kien għad fadal ħafna x'isir għal implimentazzjoni kompleta.

## 29

Filwaqt li l-Evalwazzjonijiet Reċiproċi kienu jinvolvu kooperazzjoni fl-iskrinjar ta' ammonti kbar ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u reġjonali, uffiċjali f'għadd ta' Stati Membri miżjura kkritikaw l-effettività eventwali ta' dan l-eżerċizzju. Huma qiesu li l-Kummissjoni ftit kienet għamlet biex telimina l-ostakli li potenzjalment ma kinux ġustifikati u li ġew identifikati matul il-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka. Barra minn hekk, grupp ta' sitt Stati Membri kienu tal-opinjoni li l-Kummissjoni ma kkontestatx biżżejjed il-ġustifikazzjoni ta' "proporzjonalità". Huma kienu favur il-pubblikazzjoni ta' gwida speċifika b'eżempji ta' x'inhu u x'mhuwiex proporzjonat. Dan kieku jipprovdi fehim komuni tal-proporzjonalità u jippermetti li l-Kummissjoni jkollha bażi ta' paragun meta tivvaluta rekwiżiti eżistenti u dawk ġodda.

18 J. Monteagudo, Al. Rutkowski, D. Lorenzani, "The economic impact of the Services Directive: A first assessment following implementation" (L-impatt ekonomiku tad-Direttiva dwar is-Servizzi: L-ewwel valutazzjoni wara l-implimentazzjoni), *Economic Papers* Nru 456, Ġunju 2012, Il-Kummissjoni Ewropea, Brussell, 2012, p. 30.

## Saru kontrolli tal-prestazzjoni dwar kif il-leġiżlazzjoni tal-UE taħdem f'xenarji kummerċjali prattiċi

**30**

Fl-2011 u l-2012 il-Kummissjoni wettqet "kontrolli tal-prestazzjoni" biex tivvaluta "kif huma applikati biċċiet differenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE u kif jaħdmu fil-prattika"[19] mill-perspettiva ta' utenti differenti tas-Suq Uniku. Dan kien jinvolvi t-teħid inkunsiderazzjoni ta' strumenti tal-UE minbarra d-Direttiva. Il-Kummissjoni ddeċidiet li twettaq il-kontrolli bbażat fuq studji tal-każijiet f'setturi kummerċjali magħżula u għal attivitajiet magħżula.

**31**

L-Istati Membri ġew mistiedna jipprovdu informazzjoni dwar kif il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tiġi applikata fil-prattika għal fornituri potenzjali ta' servizzi, li riedu jew jistabbilixxu negozju jew inkella jipprovdu servizzi transkonfinali fuq it-territorju tagħhom.

**32**

Dokument ta' Ħidma tal-Persunal[20] tal-Kummissjoni ta sommarju tar-riżultati tal-kontrolli tal-prestazzjoni għal tliet setturi meqjusa importanti għall-kummerċ transkonfinali fl-UE: il-kostruzzjoni (li jikkontribwixxi 6.3 % għall-PDG); is-servizzi kummerċjali (11.7 %); u t-turiżmu (4.4 %).

## L-eżiti wasslu għal aktar proposti leġiżlattivi mill-Kummissjoni

**33**

Il-kontrolli wrew li kien hemm rabta mill-qrib ħafna bejn id-Direttiva u d-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali. Spiss ikun jinħtieġ li l-kwalifiki jiġu rikonoxxuti qabel ma individwu jingħata permess biex jipprovdi servizzi jew biex jistabbilixxi negozju transkonfinali. Ir-riżultati tal-kontrolli tal-prestazzjoni ġiegħlu lill-Kummissjoni tippreżenta emendi għad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali u dwar il-kooperazzjoni permezz tal-IMI[21].

19 KUMM(2011) 20 finali, p. 9.

20 SWD(2012) 147 final tat-8 ta' Ġunju 2012 "Commission staff working document on the results of the performance checks of the internal market for services (construction, business services and tourism)" (Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-kontrolli tal-prestazzjoni tas-suq intern tas-servizzi (kostruzzjoni, servizzi kummerċjali u turiżmu)).

21 Id-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 132).

34
Il-kontrolli tal-prestazzjoni identifikaw ostakli fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi rekwiżiti għal strutturi u assigurazzjoni speċjali ta' parteċipazzjoni azzjonarja. Spiss ikun meħtieġ li n-negozji jadattaw il-forma ġuridika jew l-istruttura azzjonista tagħhom biex ikunu jistgħu joperaw fi Stat Membru ieħor permezz ta' stabbiliment sekondarju, li jista' jwassal għal spejjeż supplimentari. Diffikultà komuni oħra identifikata kienet il-kopertura tal-assigurazzjoni. F'għadd sinifikanti ta' Stati Membri, il-kopertura tal-assigurazzjoni fl-Istat Membru ta' stabbiliment mhijiex rikonoxxuta mill-Istat Membru li fih il-kumpanija għandha l-intenzjoni li tipprovdi s-servizz, u għal darb'oħra dan jirriżulta fi spejjeż addizzjonali għall-fornitur. Dokumenti ta' ħidma tal-persunal dwar dawn iż-żewġ kwistjonijiet ġew ippubblikati f'Ottubru 2013[22] u f'Marzu 2014[23].

## Il-Kummissjoni setgħet użat ir-riżultati aħjar biex tinforza d-Direttiva dwar is-Servizzi b'mod sistematiku

35
Il-kontrolli tal-prestazzjoni żvelaw li għadhom jeżistu ostakli sinifikanti fl-Istati Membri, li xi wħud minnhom huma komuni għat-tliet setturi kollha (ostakli trażversali) u xi wħud huma speċifiċi għall-industrija.

36
Minkejja li dan ma kienx l-iskop prinċipali tal-eżerċizzju, il-konklużjonijiet tal-kontrolli tal-prestazzjoni tennew dawk tal-evalwazzjoni reċiproka, jiġifieri li kien għad fadal għadd sinifikanti ta' ostakli. Ir-riżultati setgħu jappoġġaw aktar infurzar sistematiku tad-Direttiva mill-Kummissjoni, bl-indirizzar tal-kwistjonijiet li huma l-aktar sinifikanti ekonomikament.

## Ma saritx valutazzjoni tal-impatt ekonomiku

37
Il-Kummissjoni għamlet biss valutazzjoni previżjonali tal-benefiċċji ekonomiċi tad-Direttiva, li saret fiż-żmien tal-introduzzjoni tagħha, u li ma kellhiex *data* ekonomika ddettaljata biżżejjed biex tkopri biss dawk l-attivitajiet affettwati mid-Direttiva.

22 SWD(2013) 402 final tat-2 ta' Ottubru 2013 "Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-evalwazzjoni bejn il-pari dwar il-forma ġuridika, il-parteċipazzjoni azzjonarja u r-rekwiżiti tariffarji skont id-Direttiva dwar is-Servizzi".

23 SWD(2014) 130 final tal-31 ta' Marzu 2014 "Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni — Aċċess għal servizzi ta' assigurazzjoni pprovduti fi Stat Membru ieħor".

## 38

Fl-2012 il-Kummissjoni stmat li l-PDG ta' 0.8 % ddijarat li diġà nkiseb, seta' jiżdied b'1.6 % aktar permezz ta' implimentazzjoni aħjar tad-Direttiva[24]. Dan l-istudju uża mudell ekonometriku u *data* dwar ostakli li kienu jeżistu qabel l-iskadenza tal-2009 għall-implimentazzjoni, miġbura matul il-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka, flimkien ma' *data* ekonomika dwar is-setturi kkonċernati, biex ibas-sar l-effetti tat-tneħħija tal-ostakli. Għalhekk, ma kienx eżerċizzju *ex post* għall-kwantifikazzjoni tal-effetti tal-implimentazzjoni tad-Direttiva.

## 39

Il-Kummissjoni kienet obbligata li tagħmel suppożizzjonijiet dwar id-daqs tas-setturi ekonomiċi affettwati mid-Direttiva billi ma hemmx ripartizzjonijiet dettaljati disponibbli mis-sorsi eżistenti tal-Kontijiet Nazzjonali jew tal-Bilanċ tal-Pagamenti.

## 40

Il-Kummissjoni damet sal-2014[25] biex tagħmel impenji lill-Kunsill Ewropew li hija kienet se tirrinforza l-għodod ta' monitoraġġ tagħha permezz ta' rappurtar kwantitattiv u kwalitattiv aktar approfondit dwar riformi settorjali u nazzjonali li jikkonċernaw is-servizzi. B'mod partikolari, hija qablet li tiġbor *data* relatata mas-servizzi għall-2012, l-2013 u l-2014 li tiddistingwi bejn dawk rilevanti għal setturi koperti mid-Direttiva u dawk rilevanti għal setturi barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Billi d-*data* mhijiex se tinkludi l-perjodu ta' qabel l-implimentazzjoni tad-Direttiva, mhux se tkun tista' ssir valutazzjoni tal-effett kumplessiv tagħha.

## 41

F'Mejju 2014, il-Kummissjoni ppreżentat dokument lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kontijiet Nazzjonali li ddeskriva l-analiżi ekonomika mwettqa fir-rigward tad-Direttiva u li ppreżenta l-ħtiġijiet tad-*data* li jirriżultaw mill-impenji analitiċi futuri li kienet għamlet. B'mod partikolari hija enfasizzat il-ħtieġa għal *data* li tiddistingwi bejn attività ekonomika li hija koperta mid-Direttiva u attività ekonomika li mhijiex. Il-Kummissjoni nnutat li d-disponibbiltà tad-*data* attwalment tirrestrinġi serjament l-ambitu ta' analiżi approfondita u ta' rappurtar dwar il-progress, u fittxet soluzzjoni għall-problemi ta' *data* skaduta jew nieqsa[26], xi kultant għal perjodu sa 10 snin.

## 42

Il-Membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kontijiet Nazzjonali qablu li jirrispondu għal talbiet mill-Kummissjoni sabiex jippruvaw jirriżolvu għal kwistjonijiet speċifiċi fejn ikun possibbli li jipprovdu *data* li tista' ma tkunx disponibbli għall-pubbliku. Madankollu, ma ngħata ebda impenn biex tiġi pprovduta d-*data* meħtieġa għal evalwazzjoni xierqa tad-Direttiva.

24 J. Monteagudo, Al. Rutkowski, D. Lorenzani, "The economic impact of the Services Directive: A first assessment following implementation" (L-impatt ekonomiku tad-Direttiva dwar is-Servizzi: L-ewwel valutazzjoni wara l-implimentazzjoni), *Economic Papers* Nru 456, Ġunju 2012, Il-Kummissjoni Ewropea, Brussell, 2012.

25 Servizzi: l-isfruttament tal-potenzjal għat-tkabbir u l-impjiegi, il-kontribut mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew tal-20-21 ta' Marzu 2014.

26 Fir-rigward tar-ripartizzjoni f'64 fergħa tan-NACE rev. 2 fil-Kontijiet Nazzjonali. Skont il-programm ta' trażmissjoni tal-ESA 2010 li ġie ffinalizzat reċentement, din ir-ripartizzjoni issa se tiġi ppreżentata mill-Istati Membri. Ara r-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

## Implimentazzjoni

### L-għodod u l-appoġġ ipprovduti mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi ma ntużawx biżżejjed u għalhekk huma biss parzjalment effettivi

**43**
Għadd ta’ għodda, servizzi ta’ informazzjoni u mekkaniżmi ta’ kooperazzjoni jew ġew previsti fid-Direttiva jew inkella ġew stabbiliti b’xi mod ieħor mill-Kummissjoni biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva. Il-PSCs kienu l-aktar prominenti fost dawk li jidderivaw direttament mid-Direttiva. Oħrajn, inkluża s-Sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern u n-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi ġew żviluppati wkoll bl-intenzjoni li jsir titjib fil-kummerċ fis-servizzi ġewwa l-UE. Madankollu, l-effettività ta’ dawn l-istrumenti għad-Direttiva ma kinitx għolja daqs kemm kien intenzjonat.

**44**
Id-Direttiva tobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-PSCs jippermettu li l-fornituri ta’ servizzi jikkompletaw, elettronikament u f’punt uniku, il-proċeduri u l-formalitajiet kollha meħtieġa għall-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Huma għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni lil fornituri u utenti potenzjali. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni u s-servizzi “aċċessibbli minn distanza u b’mezzi elettroniċi”[27] u huma mħeġġa jipprovduhom f’lingwi Komunitarji oħra.

**45**
L-istabbiliment tal-PSCs kien kompitu diffiċli, u l-Istati Membri għandhom libertà konsiderevoli fl-għażla ta’ approċċ, li jirriżulta f’modi differenti ta’ kif il-PSCs jiġu integrati fl-istrutturi amministrattivi tal-Istati Membri.

### Dewmien fl-istabbiliment ta’ Punti ta’ Kuntatt Waħdieni u kwalità li tvarja madwar l-Istati Membri

**46**
Sa meta kienet għaddiet id-data ta’ skadenza għat-traspożizzjoni (it-28 ta’ Diċembru 2009), ħafna Stati Membri kien għad ma kellhomx PSC li jiffunzjona. Sabiex tassisti lill-Istati Membri, il-Kummissjoni stabbilixxiet żewġ gruppi ta’ esperti minbarra fil-grupp ta’ esperti ġenerali inkarigat mill-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi. Il-grupp ta’ esperti EUGO jittratta l-PSCs inġenerali u għandu isem in-netwerk ta’ PSCs li jintuża wkoll biex joħloq marka kummerċjali komuni madwar l-Ewropa (ara l-***Figura 1***). Il-grupp ta’ esperti dwar proċeduri elettroniċi jiffoka fuq kwistjonijiet aktar tekniċi li huma involuti biex jagħmluha possibbli għall-fornituri ta’ servizzi li jikkompletaw proċeduri amministrattivi online.

27 L-Artikolu 7 tad-Direttiva.

Figura 1

## Il-logo li tintuża fl-UE kollha u li hi intenzjonata għall-identifikazzjoni ta' siti web tal-PSCs

## 47

Il-PSCs huma inklużi fit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku tal-Kummissjoni, u kienu s-suġġett ta' għadd ta' studji li saru mill-Kummissjoni u minn bosta organizzazzjonijiet esterni[28]. Dawn l-analiżijiet urew li l-livell ta' ambizzjoni jvarja ħafna f'termini ta' dak li ppruvaw jiksbu l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, u konsegwentement il-kwalità tal-PSCs tvarja. Jeżistu dgħufijiet f'termini ta' lingwi disponibbli għall-ikkompletar tar-rekwiżiti amministrattivi, il-faċilità ta' użu mill-utenti, l-aċċettazzjoni ta' firem elettroniċi u l-punt sa fejn dawn fil-fatt jiffunzjonaw bħala portals tal-amministrazzjoni elettronika. Il-promozzjoni tal-PSCs u l-faċilità biex jinstabu tvarja, u mhux il-PSCs kollha jidentifikaw lilhom infushom mal-logo tal-EUGO li nħoloq mill-Kummissjoni.

## 48

Wara tħabbira fil-Pakkett ta' Servizzi tal-2012[29], u biex il-PSCs isiru aktar risponsivi għall-ħtiġijiet tan-negozju, il-Kummissjoni żviluppat "Karta għall-Punti elettroniċi ta' Kuntatt Waħdieni taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi" (il-Karta dwar il-PSCs) biex isservi ta' linja gwida għal dawk il-pajjiżi li għandhom l-intenzjoni li l-PSCs tagħhom imorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ legalment. Il-Karta dwar il-PSCs għandha l-għan li tirfed l-iżvilupp tal-PSCs tat-tieni ġenerazzjoni.

28 - Services Directive implementation survey — The Chambers' perspective on the Points of Single Contact (Stħarriġ dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi — Il-perspettiva tal-Awli dwar il-Punti ta' Kuntatt Waħdieni), Eurochambres, Stħarriġ dwar Politika, is-seba' edizzjoni, Jannar 2011
- Are the points of Single Contact truly making things easier for European companies? (Il-punti ta' Kuntatt Waħdieni qegħdin tabilħaqq jagħmluha aktar faċli għall-kumpaniji Ewropej?) — Services Directive Implementation Report (Rapport dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi), BusinessEurope, Novembru 2011
- The functioning and usability of the Points of Single Contact under the Services Directive — State of Play and Way Forward Final Report by Deloitte and tech4i2 for European Commission (Il-funzjonament u l-utilizzabbiltà tal-Punti ta' Kuntatt Waħdieni skont id-Direttiva dwar is-Servizzi — Rapport Finali dwar is-Sitwazzjoni Attwali u t-Triq 'il Quddiem, minn Deloitte u tech4i2 għall-Kummissjoni Ewropea), id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern u s-Servizzi, DĠ MARKT/2010/22/E (SMART 2007/035, LOT 4), 21-01-2012.
- J. Montesgudo, A Rutkowski, D Lorenzani, "Part 2: Assessing the economic impact of setting up Points of Single Contact: an approximation based on the Doing Business" (Parti 2: Valutazzjoni tal-impatt ekonomiku tal-istabbiliment ta' Punti ta' Kuntatt Waħdieni: approssimazzjoni bbażata fuq Meta Jsir Negozju) f'"The economic impact of the Services Directive: a first assessment following implementation" (L-impatt ekonomiku tad-Direttiva dwar is-Servizzi: l-ewwel valutazzjoni wara l-implimentazzjoni) *Economic Papers* Nru 456, Ġunju 2012.

29 COM(2012) 261 final, p. 12

49
Il-Karta dwar il-PSCs tiggwida lill-Istati Membri li jridu u li għandhom ambizzjoni biex jiżviluppaw il-PSCs tagħhom u tippermettilhom jiżviluppaw f'direzzjoni simili. Il-Karta tista' sservi bħala qafas għal diskussjoni dwar kif tista' tiġi implimentata bl-aħjar mod u għall-iskambju tal-aħjar prattiki.

50
L-iżvilupp tal-Karta mill-Kummissjoni hija azzjoni pożittiva biex jingħeleb is-sett limitat ta' obbligi legali li jeżistu għall-PSCs għal negozji u individwi privati li jistennew ferm aktar.

51
L-użu tal-Karta dwar il-PSCs għall-ittestjar tal-PSCs jagħmilha ċara għall-Istati Membri liema kriterji għandhom jintużaw biex jitkejlu l-PSCs tagħhom. Min-naħa waħda l-inklużjoni tal-kriterji volontarji tgħin lil Stati Membri ambizzjużi biex jiksbu valutazzjoni indipendenti ta' fejn jinsabu. Min-naħa l-oħra, Stati Membri li huma inqas ambizzjużi fir-rigward tal-PSCs tagħhom jistgħu jitħeġġew biex jiżviluppaw il-PSCs skont il-Karta.

52
Studju kkuntrattat mil-Kummissjoni[30] li ġie ppubblikat fl-2015 sab li l-prestazzjoni tal-PSCs kienet medjokri u li kien hemm lok konsiderevoli għal titjib, u pprovda lista dettaljata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi.

## Huwa diffiċli biex jinstabu Punti ta' Kuntatt Waħdieni, u ftit hemm għarfien kummerċjali

53
Biex il-PSCs jikkontribwixxu għaż-żieda tal-kummerċ transkonfinali u l-forniment transkonfinali ta' servizzi, in-negozji għandhom ikunu konxji mill-informazzjoni u s-servizzi li huma joffru. Aċċess online tajjeb jippermetti li n-negozji li jkunu qed ifittxu informazzjoni jew appoġġ jiġu ggwidati lejn il-PSCs.

30 The Performance of the Points of Single Contact; An Assessment against the PSC Charter (Il-Prestazzjoni tal-Punti ta' Kuntatt Waħdieni; Valutazzjoni mqabbla mal-Karta dwar il-PSCs), Studju mħejji għad-DĠ Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs tal-Kummissjoni Ewropea, 2015.

**54**
Madankollu, ħafna organizzazzjonijiet ikkonsultati mill-QEA rrappurtaw ftit kien hemm għarfien fost in-negozji dwar il-PSCs. Kemm l-awtoritajiet tal-Istati Membri kif ukoll il-gruppi kummerċjali ddikjaraw li l-Kummissjoni għandha tagħmel aktar biex tippromwovi l-PSCs.

**55**
Il-Kummissjoni tiddikjara li r-raġuni għall-promozzjoni limitata tagħha tal-PSCs hija n-nuqqas ta' riżorsi[31]. Il-Kummissjoni tgħid li huma attivitajiet immirati ta' promozzjoni online li jkollhom l-akbar effett, iżda li jekk organizzazzjonijiet kummerċjali jkollhom rwol aktar attiv fil-promozzjoni tal-PSCs fost il-membri tagħhom, dan kieku jsaħħaħ il-livell ta' għarfien.

31 Pereżempju fid-dokument SWD(2012) 148 final tat-8 ta' Ġunju 2012 "Commission Staff Working Document: Detailed information on the implementation of Directive 2006/123/EC on services in the internal market" (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern), p. 20.

## Ftit li xejn hemm kooperazzjoni amministrattiva fi kwistjonijiet relatati mad-Direttiva dwar is-Servizzi

**56**
Il-libertà li jsiru fornimenti transkonfinali tfisser li l-awtoritajiet jiffaċċjaw sfida addizzjonali fit-twettiq tal-kontrolli meħtieġa fuq fornituri minn Stat Membru ieħor. Id-Direttiva tipprevedi l-mezz biex dan isir permezz ta' kooperazzjoni amministrattiva, li titwettaq elettronikament permezz tas-sistema IMI (ara l-***Kaxxa 1***). Din tieħu l-forma ta' assistenza reċiproka fejn Stat Membru wieħed jista' jitlob lil Stat Membru ieħor biex jipprovdi informazzjoni, pereżempju dwar permessi u konformità ma' standards kummerċjali, jew biex iwettaq kontrolli, spezzjonijiet u investigazzjonijiet.

**Kaxxa 1**

### Is-sistema IMI

Id-Direttiva tirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi sistema elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri, b'kont meħud tas-sistemi eżistenti ta' informazzjoni. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/739/KE[32] tiddikjara li s-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) għandha tintuża għal dan l-iskop. L-IMI kienet tiġa tnediet fi Frar 2008 biex tappoġġa lid-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali[33]. Minn Diċembru 2009, l-IMI saret strument għall-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tas-servizzi. Matul dan iż-żmien, l-għadd ta' oqsma li fihom tintuża l-IMI żdied għal tmienja: Kwalifiki Professjonali; Servizzi; Ħaddiema Stazzjonati; Trasport transkonfinali tal-euro fi flus kontanti bit-triq; Solvit; Drittijiet tal-Pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali; Kummerċ elettroniku (proġett pilota); Liċenzji tas-Sewqan tal-Ferroviji (proġett pilota).

32 ĠU L 263, 7.10.2009, p. 32.

33 Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

**57**

L-għadd ta' talbiet relatati mad-Direttiva (ara l-***Figura 2***) tiddependi fuq fatturi bħall-għadd ta' fornituri ta' servizzi li jibdew jipprovdu servizzi transkonfinali, il-leġiżlazzjoni rilevanti fil-pajjiż ospitanti, is-sensibilizzazzjoni u l-konnessjoni mal-IMI min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti, u l-ħtieġa li jiġu kkuntattati l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra. Għalhekk, l-interpretazzjoni tal-għadd ta' talbiet li jsiru permezz tal-IMI hija diffiċli, iżda l-Kummissjoni tirrikonoxxi l-fatt li din ftit li xejn tintuża fir-rigward tad-Direttiva meta mqabbla mad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali. Sabiex tingħata spinta għall-użu tal-IMI għal kwistjonijiet relatati mad-Direttiva, il-Kummissjoni organizzat konferenzi u korsijiet ta' taħriġ.

Figura 2

**Total tat-talbiet permezz tal-IMI relatati mad-Direttiva dwar is-Servizzi, għal kull tliet xhur**




*Sorsi:* http://ec.europa.eu/internal_market/scoreboard/performance_by_governance_tool/internal_market_information_system/index_en.htm
http://ec.europa.eu/internal_market/imi-net/statistics/index_mt.htm

**58**

L-IMI tintuża wkoll bħala l-għodda ta' komunikazzjoni għall-mekkaniżmu ta' twissija tad-Direttiva, fejn awtoritajiet f'pajjiżi oħra għandhom jiġu mwissija kontra fornitur speċifiku ta' servizz għal raġunjiet ta' tħassib dwar saħħa, sikurezza jew tħassib ambjent. Madankollu, l-awtoritajiet fl-Istati Membri miżjura rarament jużaw il-mekkaniżmu ta' twissija, u jiddikjaraw li l-funzjoni korrispondenti fl-IMI hija superfluwa. Intbagħat total ta' tliet twissijiet biss, li minnhom waħda kienet żbaljata u l-oħra ġiet irtirata.

## 59

Permezz tas-sistema IMI, id-Direttiva dwar is-Servizzi tipprevedi notifiki ta' rekwiżiti nazzjonali ġodda rigward il-forniment transkonfinali ta' servizzi u l-libertà tal-istabbiliment. F'Settembru 2013 tnieda modulu ta' notifiki fl-IMI biex jissostitwixxi n-notifiki permezz ta' emails. Notifiki li jintbagħtu permezz tal-IMI jiġu riċevuti mill-Kummissjoni u mill-Koordinaturi Nazzjonali tal-IMI fl-Istati Membri, bl-intenzjoni li dawn għandhom jiġu suġġetti għal evalwazzjoni bejn il-pari mill-Istati Membri l-oħra.

## 60

Il-proċess ta' notifika ma tqiesx utli mill-amministrazzjonijiet fl-Istati Membri miżjura. Il-kritika kienet tinkludi l-volum ta' xogħol assoċjat min-naħa tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, u n-nuqqas ta' ċarezza fin-notifiki riċevuti.

## 61

Total ta' 310 notifiki[34] ntbagħtu permezz tal-IMI minn meta s-sistema bdiet tintuża għal dan l-iskop. Għalkemm il-ħruġ tan-notifiki huwa obbligu legali, mill-31 Stat Membru, tal-UE u taż-ŻEE li huma konnessi mal-IMI, 7 qatt ma bagħtu notifiki. Għall-24 Stat Membru li jifdal, l-għadd ta' notifiki matul perjodu ta' 20 xahar varja minn 1 sa 73.

## 62

In-notifika ta' rekwiżiti ġodda huwa obbligu li d-Direttiva għandha inkomuni mad-Direttiva 98/34/KE[35] li tobbliga lill-Istati Membri biex jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fl-istadju ta' abbozz, dwar ir-regolamenti tekniċi tagħhom relatati ma' prodotti u ma' servizzi tas-soċjetà tal-informatika. Madankollu, id-Direttiva ma tinkludix il-perjodu ta' waqfien ta' tliet xhur[36] li japplika għan-notifiki tad-Direttiva 98/34/KE qabel dawn ma jiġu adottati, u lanqas il-konsultazzjoni pubblika tan-notifiki. Skont il-persunal tal-Kummissjoni, il-possibbiltà li n-notifiki tad-Direttiva jiġu ppubblikati fuq sit web miftuħ qed tiġi kkunsidrata. Bosta interlokuturi fl-Istati Membri indikaw li kieku jilqgħu proċedura ta' waqfien simili.

## 63

Kumplessivament, l-użu tal-IMI għad-Direttiva huwa minn moderat għal baxx: isiru talbiet għal informazzjoni, kif ukoll notifiki, iżda twissijiet u derogi każ b'każ[37] huma rari.

34 Ċifri sal-1 ta' Ġunju 2015 ipprovduti mill-Kummissjoni.

35 Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37).

36 L-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi posposta sa tmiem il-perjodu ta' waqfien.

37 L-Artikolu 18 tad-Direttiva: Deroga mill-Artikolu 16 — f'ċirkustanzi eċċezzjonali biss, Stat Membru jista', fir-rispett ta' fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor, jieħu miżuri fir-rigward is-sigurtà tas-servizzi.

64
Minħabba l-fatt li d-Direttiva tobbliga lill-Istati Membri biex jinnotifikaw kwalunkwe rekwiżit ġdid, l-użu tal-IMI għal dan l-iskop huwa loġiku. L-IMI bħala pjattaforma ta' komunikazzjoni toffri l-funzjonalità meħtieġa. L-estensjoni tas-sistema IMI biex tinkludi perjodu ta' waqfien u sit web aċċessibbli għall-pubbliku, li jkun fih rekwiżiti nnotifikati, tkun tippermetti aċċess aħjar lil partijiet interessati għan-notifiki u għall-iskrutinju ta' rekwiżiti ġodda.

## Il-konsumaturi jkomplu jiltaqgħu ma' problemi biex jaċċessaw is-suq uniku għas-servizzi

65
L-Artikolu 20 tad-Direttiva jiddikjara li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riċevituri ta' servizzi (inklużi konsumaturi) ma jiġux suġġetti għal rekwiżiti diskriminatorji bbażati fuq in-nazzjonalità tagħhom jew il-post ta' residenza u li, b'mod simili, l-aċċess għal servizz ma għandux ikun ristrett. Eżempji tipiċi ta' restrizzjonijiet bħal dawn jistgħu, pereżempju, jikkonċernaw bejjiegħ bl-imnut multinazzjonali online li ma jippermettix li klijent jixtri direttament minn sit web wieħed iżda jidderieġi mill-ġdid lil dak il-klijent lejn ħanut online f'pajjiżu stess, fejn il-prezzijiet u l-kundizzjonijiet jistgħu jkunu differenti. F'każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità, negozjant jista' jirrifjuta li jforni prodott lil klijent f'pajjiż ieħor mingħajr ġustifikazzjoni. Id-Direttiva tippermetti "differenzi fil-kundizzjonijiet tal-aċċess fejn dawk id-differenzi huma ġustifikati direttament bi kriterji oġġettivi".

66
Il-Kummissjoni u l-Istati Membri stabbilixxew netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-net) biex jipprovdi informazzjoni u jagħti assistenza lil riċevituri ta' servizzi li jkollhom problemi ma' negozjanti f'pajjiżi oħra. Iċ-ċentri f'dan in-netwerk, li huwa magħmul mill-Istati Membri tal-UE, min-Norveġja u mill-Iżlanda, huma ffinanzjati b'mod konġunt mill-baġit tal-UE u minn fondi nazzjonali. Kull Stat Membru jospita ċentru li għandu jirrispondi għad-domandi tal-konsumaturi, jipprovdi konsulenza dwar proċeduri ta' rimedju u jiża l-kuntatti ma' ċentri ECC-net f'pajjiżi oħra meta jkun meħtieġ.

67
In-netwerk ippubblika rapport li analizza l-ilmenti tal-konsumaturi li saru bejn Jannar 2010 u Diċembru 2012. F'dan il-perjodu, in-netwerk irċieva 222 ilment relatati mal-Artikolu 20. Fiż-żjarat tagħha lill-ECCs u lil korpi oħra f'seba' Stati Membri, il-QEA fehmet li din iċ-ċifra ma tiddikjarax b'mod suffiċjenti l-iskala tal-problema, billi l-ECC/l-Istati Membri jqisu li l-konsumaturi mhumiex infurmati tajjeb dwar id-drittijiet tagħhom, u b'mod partikolari dwar dawk li jidderivaw mid-Direttiva. Barra minn hekk, anke fejn il-konsumaturi jkunu konxji li jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet, l-isforz meħtieġ biex iressqu lment spiss ma jitqiesx vallapena jew meta mqabbel mal-valur tas-servizz ikkonċernat jew minħabba fil-ħtieġa li tinkiseb soluzzjoni fil-pront.

## 68

Ġew ippubblikati żewġ rapporti fir-rigward tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti diskriminatorji: "Study on business practices applying different conditions of access based on the nationality or the place of residence of service recipients" (Studju dwar prattiki kummerċjali li japplikaw kundizzjonijiet differenti ta' aċċess ibbażat fuq in-nazzjonalità jew il-post ta' residenza tar-riċevituri ta' servizzi)[38] u "Online cross-border mystery shopping — State of the e-Union" (Xiri transkonfinali online li jsir bil-moħbi għal skopijiet ta' evalwazzjoni — Is-sitwazzjoni attwali fl-Unjoni elettronika), li ġew prodotti min-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net)[39].

## 69

L-ewwel rapport fittex li jidentifika jekk hemmx differenzi fit-trattament tal-klijenti bbażat fuq in-nazzjonalità jew ir-residenza. L-istudju kopra erba' setturi — kiri ta' karozzi, tniżżil ta' kontenut diġitali, bejgħ online ta' prodotti elettroniċi u turiżmu. Huwa kkonkluda li, *prima facie*, kien hemm evidenza ta' divrenzjar sistematiku bbażat fuq ir-residenza tal-klijent, għall-erba' setturi koperti, iżda mhux ibbażat fuq in-nazzjonalità. Id-divrenzjar ġie identifikat b'mod partikolari fir-rigward ta' servizzi pprovduti online, b'ridirezzjonar awtomatiku bbażat fuq l-indirizz jew l-eżistenza ta' siti web paralleli bbażati fil-pajjiż.

## 70

L-istudju jissuġġerixxi li jista' jkun hemm motivi kemm legali u regolatorji kif ukoll kummerċjali li jagħtu lok għal differenzi bħal dawn. Eżempji ta' motivi legali u regolari li jagħtu lok għal divrenzjar jistgħu jkunu spejjeż finanzjarji, spejjeż ta' konformità, differenzi fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri, filwaqt li motivi kummerċjali jistgħu jkunu spejjeż għat-trasport u għall-konsenja, spejjeż għall-kummerċjalizzazzjoni u struttura korporattiva, inkluża l-frankiġja.

## 71

It-tieni rapport kellu l-għan li jidentifika ostakli għax-xiri transkonfinali online. Bl-għajnuna ta' 17-il Stat Membru tal-UE li huma fin-netwerk taċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumaturi, sar eżerċizzju ta' xiri ta' 305 xirjiet transkonfinali online għal 10 kategoriji ta' prodotti rilevanti[40]. Kumplessivament, l-ECCs irrappurtaw li 173 każ mit-305 (56 %) kellhom xi problemi li rriżultaw[41] fir-rigward tat-termini kuntrattwali u d-drittijiet tal-klijenti, u dan juri li l-konsumaturi għadhom qed jiffaċċjaw ostakli meta jirċievu servizzi transkonfinali.

38 Ippubblikat fis-7 ta' Diċembru 2009.

39 Ippubblikat f'Settembru 2011.

40 Il-prodotti kienu jinkludu ħwejjeġ, oġġetti għall-isports, oġġetti tad-dar, kotba, DVDs tal-mużika, logħob vidjo jew logħob tal-kompjuter, softwer, tagħmir elettroniku u prodotti għall-kura personali.

41 Pereżempju, "diffikultajiet biex jinstabu biżżejjed negozjanti online li kienu lesti li jbigħu b'mod transkonfinali, rati ta' konsenji li saru b'mod korrett, offerti ta' konsenja bla ħlas li ġew irtirati u differenzi fl-ammont li kellu jiġi ddebitat mill-karti tal-kreditu", li mbagħad ġew attribwiti għal "problemi bir-rati tal-VAT, bl-iżdoganar u bil-munita". Ħafna negozjanti ma pprovdewx biżżejjed informazzjoni dwar id-drittijiet tal-klijenti li jibagħtu l-merkanzija lura.

## Il-fornituri ta' servizzi għadhom jiddiskriminaw b'mod inġust

**72**

Filwaqt li l-Artikolu 20.2 tad-Direttiva jirrikjedi li kwalunkwe diskriminazzjoni tkun "iġġustifikata direttament bi kriterji oġġettivi", il-Premessa Nru 95 tiftaħ lakuna billi tirreferi għal "raġunijiet oġġettivi li jistgħu jvarjaw minn pajjiż għal ieħor, bħalma huma spejjeż addizzjonali mġarrbin minħabba d-distanza involuta jew minħabba fil-karatteristiċi tekniċi tal-għoti tas-servizz, jew kundizzjonijiet tas-suq differenti, bħal domanda ogħla jew aktar baxxa influwenzata mill-fattur staġunali, perjodi ta' vaganzi differenti fl-Istati Membri u l-iffissar tal-prezzijiet mill-kompetituri differenti, jew riskji żejda marbutin ma' regoli li jvarjaw minn dawk tal-Istat Membru ta' stabbiliment".

**73**

Dan wassal għal diskriminazzjoni inġustifikabbli kif jintwera fl-eżempji fil-***Kaxxa 2***.

Kaxxa 2

### Prattiki diskriminatorji lejn il-konsumaturi

Waqt li kienet qed tibbukkja pakkett ta' vaganza online ma' park ta' divertiment ibbażat fi Franza, konsumatriċi Bulgara bi żball għażlet ir-Renju Unit bħala l-pajjiż ta' residenza tagħha. Din malajr rat l-iżball tagħha u minflok għażlet il-Bulgarija. Il-konsumatriċi ndunat li kien hemm differenza ta' kważi 40 % fil-prezz u ntalbet tħallas EUR 500 aktar mill-kontropartijiet Brittaniċi tagħha.

Waqt li kien fuq btala f'ċentru tal-iskijjar Awstrijak, konsumatur Ġermaniż skopra li l-prezz għax-xiri tal-biljetti għal-lifts kien ferm aktar għali għat-turisti milli għar-residenti Awstrijaċi.

*Sors:* Enhanced Consumer Protection — the Services Directive 2006/123/EC. Analysis of Article 20.2 and Article 21 related consumer complaints reported to ECC-Net between 2010 and 2012. (Protezzjoni tal-Konsumatur Imsaħħa — id-Direttiva dwar is-Servizzi 2006/123/KE. Analiżi tal-ilmenti ta' konsumaturi relatati mal-Artikolu 20.2 u l-Artikolu 21 li ġew irrappurtati lil ECC-Net bejn l-2010 u l-2012). p. 20-21.

**74**

Ir-rapport ta' ECC-net jelenka għadd ta' eżempji simili ta' trattament diskriminatorju bħal dan, li spiss ikunu bbażati fuq ir-residenza aktar milli fuq in-nazzjonalità, u spiss jiġu applikati b'mod indirett ibbażat fuq il-pajjiż tal-ħruġ tal-karta tal-kreditu jew fuq il-post tal-konsenja.

75
L-Artikolu 20.2 huwa wkoll kawża ta' anzjetà u inċertezza għan-negozji li ma jifhmux x'obbligi jista' jkollhom meta jbigħu fuq distanza twila lil klijenti f'pajjiżi oħra. Skont rappreżentanti tal-bejjiegħa bl-imnut fl-Istati Membri, il-gwida pprovduta sa issa[42] naqset milli tagħti assigurazzjoni jew ċertezza dwar meta n-negozji jkollhom jipprovdu s-servizzi tagħhom b'mod transkonfinali.

## Ir-riżoluzzjoni tal-problemi

76
Il-Kummissjoni adottat approċċ tematiku għar-riżoluzzjoni tal-aktar tipi sinifikanti ta' problemi relatati mal-forniturі ta' servizzi. Hija tuża n-Netwerk ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC) biex twettaq "sweeps" li jikkonsistu fi skrinjar ta' siti web madwar l-UE kollha f'setturi online partikolari. Isiru kontrolli simultanji u kkoordinati biex jiġi identifikat ksur tal-liġi tal-konsumatur u biex sussegwentement jiġi żgurat l-infurzar tagħha. Wara investigazzjonijiet bħal dawn, l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu azzjoni ta' infurzar xierqa, jikkuntattjaw lill-kumpaniji dwar irregolaritajiet suspettati u jitolbuhom jieħdu azzjoni korrettiva jew jiffaċċjaw proċedimenti legali. Saru "Sweeps" fl-oqsma li ġejjin: linji tal-ajru, kontenut ta' telefowns ċellulari, prodotti elettroniċi, bejgħ online ta' biljetti, kreditu għall-konsumatur, kontenuti diġitali u bbukjar ta' vjaġġi online.

77
Skont evalwazzjoni esterna[43] mwettqa fl-2012, ir-rata ta' infurzar li rriżultat kienet għolja għas-setturi kollha, għalkemm l-impatt tas-"Sweeps" jista' jiżdied permezz ta' aktar pubbliċità u azzjonijiet ta' segwitu biex tiġi żgurata konformità kontinwata. Sfortunatament, ir-rekwiżiti tad-Direttiva ma ġewx integrati speċifikament fl-evalwazzjonijiet imwettqa f'dawn l-eżerċizzji billi, skont il-Kummissjoni, il-leġiżlazzjoni dwar is-CPC twaqqfet qabel ma daħlet fis-seħħ id-Direttiva. L-evalwazzjoni esterna għamlet rakkomandazzjonijiet biex il-kamp ta' applikazzjoni tas-"sweeps" jiġi estiż, iżda ma aċċettatx li d-Direttiva tiġi inkluża f'dan, minkejja li rrikonoxxiet li d-Direttiva tiggarantixxi ċerti drittijiet lir-riċevituri ta' servizzi, bħan-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet għall-informazzjoni, u assigurazzjoni fuq ir-responsabbiltà professjonali u komunikazzjoni kummerċjali. Il-kriterji ta' rilevanza transkonfinali u ta' konsistenza huma sinifikanti f'dan ir-rigward. Madankollu, l-evalwazzjoni qieset li d-Direttiva dwar is-Servizzi għandha fokus qawwi fuq l-obbligi tal-Istati Membri aktar milli fuq l-attivitajiet ta' fornituri individwali ta' servizzi, u t-tieni nett, id-Direttiva tkopri wkoll aspetti minn negozju għal negozju (jiġifieri l-kunċett ta' "riċevituri ta' servizzi" mhuwiex limitat għall-konsumaturi) li huma inkonsistenti mal-fokus tal-objettivi tas-CPC fuq il-konsumatur. Din il-fehma tikkontradixxi l-evidenza ppreżentata fir-rapport tal-ECC-net li jenfasizza l-effett importanti, fuq il-konsumaturi, tan-nuqqas ta' konformità mad-Direttiva.

42 SWD(2012) 146 final tat-8 ta' Ġunju 2012 "Commission Staff Working Document — With a view to establishing guidance on the application of Article 20(2) of Directive 2006/123/EC on services in the internal market" (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni — Bil-ħsieb li tiġi stabbilita gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern) ("id-Direttiva dwar is-Servizzi").

43 Evalwazzjoni (esterna) tar-Regolament dwar Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur, Rapport Finali ppreżentat mill-Konsorzju għall-Evalwazzjoni tal-Politika tal-Konsumatur (CPEC), is-17 ta' Diċembru 2012.

## Infurzar

### Il-Kummissjoni tuża għadd ta’ għodod ta’ infurzar

**78**
Il-konformità mad-Direttiva hija importanti kemm mill-perspettiva legali kif ukoll minn dik ekonomika. Meta d-drittijiet tal-UE jinkisru, ikunu jinħtieġu soluzzjonijiet rapidi u effiċjenti kemm għall-fornituri ta’ servizzi kif ukoll għar-riċevituri ta’ servizzi.

**79**
Il-Kummissjoni tista’ tagħti bidu għal proċedura ta’ ksur kontra Stat Membru li jkun naqas milli jissodisfa obbligu tat-Trattat. Il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll il-mekkaniżmu ġenerali ta’ qabel il-ksur, EU Pilot, u l-mekkaniżmu alternattiv għar-riżoluzzjoni ta’ tilwim, Solvit, li huwa mfassal b’mod speċifiku għal problemi fis-suq intern. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista’ tindirizza kwistjonijiet ta’ li vell għoli fil-livell politiku billi tagħmel Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi taħt is-Semestru Ewropew.

### Solvit rarament jintuża għad-Direttiva dwar is-Servizzi

**80**
Solvit huwa servizz bla ħlas, prinċipalment online bejn l-Istati Membri, li jiġi pprovdut mill-amministrazzjonijiet nazzjonali. Huwa ġie stabbilit fl-2001[44] u aġġornat fl-2013[45]. Solvit jipprovdi soluzzjonijiet għal firxa ta’ sitwazzjonijiet prattiċi bħal: ksib tar-rikonoxximent ta’ kwalifiki professjonali, drittijiet tal-visa u ta’ residenza, kummerċ u servizzi (negozji), vetturi u liċenzji tas-sewqan, benefiċċji tal-familja, drittijiet tal-pensjoni, xogħol barra mill-pajjiż, benefiċċji tal-qgħad, assigurazzjoni medika, aċċess għall-edukazzjoni, trasferiment transkonfinali ta’ kapital jew pagamenti u rifużjonijiet tal-VAT. Fl-2013 il-Kummissjoni ħarġet fuljett b’eżempji ta’ soluzzjonijiet prattiċi għal problemi individwali li nkisbu bl-użu taċ-ċentri Solvit.

**81**
Inġenerali, il-maġġoranza tal-każijiet jiġu riżolti b’suċċess, fi żmien medju ta’ 9 ġimgħat[46] (imqabbla ma’ mira ta’ 10 ġimgħat[47]). Tipikament, is-sistema rċeviet bejn wieħed u ieħor 1 400 każ kull sena, iżda dawn żdiedu għal 2 368 fl-2014.

44 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta’ Diċembru 2001 dwar il-prinċipji tal-użu ta’ “SOLVIT” — in-Netwerk għas-Soluzzjoni ta’ Problemi fis-Suq Intern (ĠU L 331, 15.12.2001), p. 79.

45 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta’ Settembru 2013 fuq il-prinċipji li jirregolaw is-SOLVIT, Brussell (C(2013) 5869 final).

46 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fuq il-prinċipji li jirregolaw is-SOLVIT (is-17 ta’ Settembru 2013), p. 2.

47 http://ec.europa.eu/solvit/index_mt.htm.

Kaxxa 3

## Soluzzjonijiet Solvit

**Solvit jippermetti li turisti jikru jottijiet Ġermaniżi fl-Italja**

Intrapriża Ġermaniża kriet erba' jottijiet taħt bandiera Ġermaniża lil turisti fl-Italja. Sid in-negozju weħel multa għax ma kienx irreġistra l-jottijiet kummerċjali tiegħu mal-awtoritajiet tal-port lokali skont regolamenti Taljani reċenti. Ħames xhur wara, wara ħafna sforzi biex jikseb ir-reġistrazzjoni, sid in-negozju ġie nfurmat li r-reġistrazzjoni tista' ssir biss jekk in-negozju jkun stabbilit fl-Italja. Solvit intervjena biex jagħmilha ċara li din il-kundizzjoni ma kinitx tikkonforma mal-liġi tal-UE u li l-awtoritajiet għandhom jaċċettaw ir-reġistrazzjoni fil-Kamra tal-Kummerċ Ġermaniża. L-erba' jottijiet kollha ġew irreġistrati u nħarġu l-liċenzji tal-kiri.

*Solvuta fi żmien disa' ġimgħat*

**Solvit jiżgura trattament ġust għal kumpaniji tar-rafting fis-Slovenja**

Kumpaniji tar-rafting mill-Ungerija u mis-Slovakkja lmentaw li kumpaniji Sloveni kellhom aċċess orħos matul is-sena kollha fi xmara partikolari fis-Slovenja riżervat għalihom. Kumpaniji barranin mhux biss kellhom iħallsu aktar iżda kellhom l-inkonvenjenza ta' kuljum tax-xiri ta' biljetti. Bis-saħħa ta' Solvit, ir-regoli diskriminatorji nbidlu u issa kumpaniji barranin jistgħu joffru s-servizzi tagħhom fix-xmajjar tas-Slovenja fuq l-istess bażi bħal kumpaniji lokali. Minħabba li dan kien jimplika bidla fir-regoli, il-każ dam aktar mill-medja ta' Solvit biex jiġi solvut.

*Solvuta fi żmien 10 xhur*

*Sors:* Il-Kummssjoni Ewropea, Solvit — Stejjer ta' suċċess, 2013.

**82**
Madankollu, Solvit għandu rwol minuri fir-rigward tad-Direttiva. Fl-2014, 17-il każ biss minn 2 368 kienu relatati magħha (6 fl-2013, 16 kemm fl-2012 kif ukoll fl-2011).

**83**
Solvit għandu persunal u kapaċitajiet tekniċi limitati għat-trattament ta' każijiet kummerċjali kumplessi[48]. F'pajjiżi kbar bħall-Ġermanja, Franza u r-Renju Unit, iċ-ċentri Solvit ma għandhomx biżżejjed persunal[49] u l-għadd ta' persunal bi kwalifiki legali mhuwiex biżżejjed[50]. Madankollu, il-Kummissjoni torganizza korsijiet regolari ta' taħriġ dwar kwistjonijiet legali għall-persunal taċ-ċentri Solvit.

48 Rapport dwar l-Innovazzjoni Nordika "Delivering a stronger Single Market" (It-Twassil ta' Suq Uniku aktar b'saħħtu), Ġunju 2012, p. 50.

49 Ibid.

50 Dr. M. Kaeding, F. Voskamp, "Better Implementation of EU Legislation is not just a question of taking Member States to Court" (Implimentazzjoni Aħjar tal-Leġiżlazzjoni tal-UE mhijiex sempliċiment kwistjoni li Stati Membri jittellgħu l-Qorti), Dokument ta' ħidma (2011/w/01 EIPA), p. 10.

## 84

Il-biċċa l-kbira mill-każijiet ġew introdotti minn individwi privati u bejn wieħed u ieħor 20 każ biss ġew introdotti minn kumpaniji, billi dawn ġeneralment ikollhom mezzi oħra biex jirriżolvu problemi li jirriżultaw meta jkunu qed iwettqu negozju barra minn pajjiżhom. Studju li sar mill-Kummissjoni fl-2011 iddikjara li n-negozji jippreferu jmorru fi qrati formali biex isibu soluzzjonijiet.

## 85

Is-soluzzjonijiet ipprovduti minn Solvit mhumiex soluzzjonijiet leġiżlattivi u l-informazzjoni dwar każijiet u dwar kif dawn ikunu ġew riżolti mhijiex disponibbli għall-pubbliku, u għalhekk din ma tgħinx lil partijiet oħra li jistgħu jkunu interessati. Barra minn hekk, jistgħu jiġu pprovduti soluzzjonijiet differenti għal problemi identiċi eż. minn Stati Membri u awtoritajiet reġjonali differenti.

## EU Pilot — sistema ta' qabel il-ksur li hija apprezzata mill-Istati Membri

## 86

EU Pilot huwa mekkaniżmu kunfidenzjali għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Huwa ġie stabbilit mill-Kummissjoni fl-2008 bi 15-il Stat Membru volontarju[51] u sa Lulju 2013 kien jinkludi t-28 Stat Membru kollha. EU Pilot jintuża bħala tentattiv biex jiġu kkjarifikati jew riżolti problemi sabiex, jekk ikun possibbli, jiġu evitati proċedimenti formali ta' ksur taħt l-Artikolu 258 tat-TFEU.

## 87

Il-Kummissjoni fetħet 1 502 każijiet ta' EU Pilot fl-oqsma kollha fl-2013 u 1 208 każijiet fl-2014. Sal-ewwel xhur tal-2015, kien hemm 84 każ relatat mad-Direttiva.

### Każ ta' EU Pilot relatat mad-Direttiva dwar is-Servizzi jieħu medja ta' ftit aktar minn 16-il xahar biex jiġi riżolt

## 88

Il-Kummissjoni tippreżenta każijiet individwali lill-Istati Membri kkonċernati bl-użu tal-applikazzjoni ta' EU Pilot. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom skadenza ta' 10 ġimgħat biex jipprovdu risposta u jipproponu soluzzjoni.

51 Ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Portugall, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

## 89

Il-Kummissjoni tippubblika r-rata medja ta' rispons tal-Istati Membri għall-ittri kollha ta' EU Pilot, wara li ssettjat data ta' skadenza ta' 70 jum. Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku (07/14)[52] il-maġġoranza tal-pajjiżi ġew immarkati bil-kulur "aħdar" għax irrispettaw id-data ta' skadenza. Ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, Spanja, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Iżvezja u r-Renju Unit huma kklassifikati bil-kulur "isfar" jew kważi rrispettaw id-data ta' skadenza (bi żmien medju ta' 71 sa 77 jum għar-rispons). Madankollu, iż-żmien medju għar-rispons ta' Franza huwa ta' 93 jum. Iż-żmien li ttieħed mill-Kummissjoni mhuwiex indikat fit-Tabella ta' Valutazzjoni iżda skont it-Tieni Rapport ta' Evalwazzjoni dwar EU Pilot[53], fejn hija ssettjat ukoll data ta' skadenza ta' 70 jum għaliha stess, biex tivvaluta r-risposti u tiddeċiedi dwar is-segwitu, iż-żmien medju li ttieħed kien ta' 102 jum.

## 90

Għall-biċċa l-kbira mill-każijiet ta' EU Pilot li jikkonċernaw id-Direttiva, kien meħtieġ li jsiru bosta skambji ta' korrispondenza, li żiedu mal-ħin meħtieġ. Id-durata medja tal-każijiet relatati mad-Direttiva huwa ta' 16.6 xhur.

### F'xi każijiet il-Kummissjoni damet tistenna wisq biex tieħu azzjoni

## 91

Il-Qorti eżaminat sitt każijiet ta' EU Pilot li jikkonċernaw id-Direttiva. F'dan il-kampjun, il-proċess ħa bejn ħames u tmien xhur fejn il-każ ġie riżolt bl-użu ta' EU Pilot. Madankollu, il-każijiet li kienu l-aktar kumplessi u li aktar tard ġew trasferiti għall-istadju tal-ksur ħadu bejn 9 u 30 xahar.

## 92

L-Istati Membri bagħtu r-risposti tagħhom fil-ħin. Madankollu, il-***Kaxxa 4*** tagħti eżempji ta' dewmien fil-proċedura ta' EU Pilot.

52 http://ec.europa.eu/internal_market/scoreboard/performance_by_governance_tool/eu_pilot/index_en.htm#maincontentSec

53 SEC(2011) 1629/2 tal-21 ta' Diċembru 2011 "Second Evaluation Report on EU Pilot" (It-Tieni Rapport ta' Evalwazzjoni dwar EU Pilot).

**Kaxxa 4**

### Eżempji ta' dewmien fil-proċedura ta' EU Pilot

Fil-każ ta' pajjiż wieħed, il-Kummissjoni ħadet 16-il xahar wara li identifikat il-kwistjoni biex bagħtet l-ittra amministrattiva lil Stat Membru u 6 xhur oħra biex nediet il-każ ta' EU Pilot.

Fil-każ ta' Stat Membru ieħor, il-Kummissjoni ħadet kważi 20 xahar minn meta rċeviet l-ilment sakemm bdiet il-proċedura ta' EU Pilot.

Każ wieħed ta' EU Pilot inbeda fl-2012 u għadu ma ngħalaqx, billi għadha meħtieġa ssir il-verifikazzjoni tal-implimentazzjoni korretta ta' bidliet leġiżlattivi li ġew introdotti.

93 Informazzjoni dwar każijiet ta' EU Pilot ma tiġix ippubblikata, la matul iż-żmien meta jkunu attivi u lanqas wara li jkunu ġew ikkompletati. B'riżultat ta' dan, anke jekk proċeduri bħal dawn jipprovdu rimedju f'pajjiż individwali, ma jibbenefikawx lil partijiet interessati oħra u lanqas ma jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' prattika legali stabbilita tal-UE f'dan il-qasam.

## Il-Kummissjoni bilkemm użat il-proċeduri ta' ksur

94 Jekk, wara konsultazzjonijiet preliminari f'EU Pilot, il-Kummissjoni tqis li r-regoli tal-UE ma jkunux qed jiġu applikati b'mod xieraq, hija tista' tiftaħ proċedimenti ta' ksur kontra l-Istat Membru inkwistjoni. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tipprova ttemm il-ksur li jkun qed isir inkluż, fejn meħtieġ, billi tirreferi l-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan jista' jsir jew ibbażat fuq ilment li tirċievi l-Kummissjoni[54] jew ibbażat fuq l-inizjattiva proprja tal-Kummissjoni.

95 Il-każ jista' jiġi riżolt jekk l-Istat Membru jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa li biha l-Kummissjoni tkun sodisfatta li fil-fatt ma jkun qed isir ebda ksur tar-regoli, jew jekk l-Istat Membru jaċċetta l-opinjoni tal-Kummissjoni u jtemm il-ksur.

96 Il-"politika ta' tolleranza żero" tħabbret mill-Kummissjoni bħala parti mill-Pakkett ta' Servizzi tagħha fl-2012. Madankollu, il-Kummissjoni ħadet il-pożizzjoni li huwa biss subsett limitat ta' rekwiżiti li jaqa' taħt l-ambitu tat-"tolleranza żero" tagħha (ara l-***Kaxxa 5***).

54 L-ilmenti kollha, dwar is-suġġetti kollha, inklużi dawk li jwasslu għal proċedura ta' EU-Pilot u/jew għal proċedura ta' ksur, jiġu rreġistrati f'CHAP (sistema għar-reġistrazzjoni ta' lmenti u ta' domandi). CHAP tinkludi l-immarkar f'kamp relatat fejn l-ilmenti jkunu jappartjenu għall-Artikolu 56 (libertà li jiġu provduti servizzi) jew għall-Artikolu 49 (libertà tal-istabbiliment) tat-TFUE.

Kaxxa 5

## "Tolleranza żero" għan-nuqqas ta' konformità

Il-Kummissjoni ddeċidiet li tinforza l-politika tagħha ta'"tolleranza żero" biss fir-rigward tan-nuqqas ta' konformità relatat mal-obbligi li ġejjin u li huma stipulati fid-Direttiva dwar is-Servizzi:

Id-Direttiva tipprojbixxi għadd ta' rekwiżiti diskriminatorji u partikolarment ta' piż elenkati fl-Artikolu 14.

Id-Direttiva tintroduċi obbligi speċifiċi biex tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni:

(1) approvazzjoni taċita, jiġifieri li s-silenzju mill-amministrazzjoni jkun ifisser approvazzjoni, hija prevista fl-Artikolu 13(4) u

(2) il-validità tal-awtorizzazzjonijiet mal-pajjiż kollu hija prevista fl-Artikolu 10(4).

Id-Direttiva tipprojbixxi l-projbizzjoni totali ta' komunikazzjonijiet kummerċjali għal professjonijiet regolati permezz tal-Artikolu 24.

Rekwiżiti ta' stabbiliment jagħmluha impossibbli li jiġu pprovduti servizzi transfruntiera. Dawn huma fost ir-rekwiżiti l-aktar restrittivi indirizzati mill-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar is-Servizzi (il-klawżola tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi), fil-paragrafu 2 tiegħu, u l-Istati Membri ma jistgħux jimponuhom fuq il-forrnituri ta' servizzi.

*Sors:* COM (2012) 261 final "Sħubija għal tkabbir ġdid fis-servizzi 2012-2015", p. 4.

**97**
Din il-politika tindirizza biss ir-rekwiżiti l-aktar restrittivi li huma koperti mid-Direttiva. Il-politika ma tiġix applikata għal ostakli oħra identifikati fejn ikun meħtieġ li l-ġustifikazzjoni ta' proporzjonalità pprovduta mill-Istati Membri tiġi vvalutata u possibbilment ikkontestata. Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni hija li ma tistax tgħaddi ġudizzju dwar dawn il-każijiet speċifiċi billi huma jistgħu jiġu deċiżi biss mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Madankollu, il-Kummissjoni toqgħod lura milli tirreferi każijiet meta ma tkunx assolutament ċerta li s-sentenza tkun tikkonferma l-ksur tal-leġiżlazzjoni.

**98**
Għal xi każijiet, il-Kummissjoni pprovdiet gwida fi preżentazzjonijiet lil laqgħat tal-gruppi ta' esperti, dwar rekwiżiti ġodda bbażati fuq notifiki ta' miżuri leġiżlattivi fis-sistema IMI. Madankollu, il-"politika ta' tolleranza żero" ma tiġix applikata għal dak li l-Kummissjoni tqis li huma rekwiżiti mhux ġustifikati imposti mill-Istati Membri.

99
Mill-introduzzjoni tagħha 'l hawn, kien hemm biss disa' każijiet ta' ksur għan-nuqqas ta' konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-Direttiva. Dan huwa baxx meta mqabbel mal-għadd ta' kwistjonijiet irrappurtati matul l-evalwazzjonijiet reċiproċi, il-kontrolli tal-prestazzjoni u r-rapport dwar l-implimentazzjoni (il-Pakkett għas-Servizzi) u mhuwiex konsistenti mal-politika ta' "tolleranza żero" mħabbra mill-Kummissjoni.

## Każijiet ta' ksur jieħdu wisq fit-tul

100
Skont id-*data* pprovduta mill-Kummissjoni, id-durata medja tat-18-il każ pendenti fl-1 ta' Ottubru 2014 li kienu relatati mad-Direttiva kienet ta' 19.6 xhur. Dan diġà qabeż il-mira ta' 18-il xahar stabbilita mill-Kummissjoni għar-riżoluzzjoni ta' ksur bħal dan. Sa tmiem l-2015 — madwar 15-il xahar wara — 11 minn dawk il-każijiet kienu għadhom pendenti. Il-Kummissjoni ma tikkumpilax u ma tippubblikax b'mod sistematiku l-informazzjoni dwar it-tul tal-proċeduri ta' ksur magħluqa li huma relatati mad-Direttiva dwar is-Servizzi.

101
Barra mill-20 każ relatat ma' traspożizzjoni tardiva (ara l-paragrafu 19) u 9 każijiet għan-nuqqas ta' konformità (ara l-paragrafu 99), kien hemm 55 każ[55] li jirrigwardaw l-applikazzjoni jew it-traspożizzjoni skorretta tad-Direttiva dwar is-Servizzi u 20 każ ta' ksur simili li jikkonċernaw l-Artikolu 49 (libertà tal-istabbiliment) jew l-Artikolu 56 (libertà li jiġu pprovduti servizzi) tat-TFUE. Dawn huma każijiet fejn id-direttiva ġiet trasposta b'mod korrett fil-leġiżlazzjoni nazzjonali b'mod korrett, iżda fejn id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni ġew trasposti jew applikati b'mod skorrett.

## Ilmenti individwali relatati ma' servizzi jingħataw segwitu fuq bażi regolari; madankollu, hemm perjodi twal ta' inattività matul il-proċeduri ta' ksur

102
Il-Qorti eżaminat 10 każijiet ta' ksur li rriżultaw minn ostakli li ġew aċċennati matul iż-żjarat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jew fejn il-proċedura ħadet żmien partikolarment twil.

55 Mill-1 ta' April 2015.

## 103

Il-każijiet fis-sistema tal-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni ta' lmenti (CHAP) ingħataw segwitu fuq bażi regolari. Dawk relatati mad-Direttiva ġew trasferiti lid-DĠ Suq Intern u Servizzi li mbagħad ħejja rispons jew fetaħ każ ta' EU Pilot biex jibda l-proċedura ta' qabel il-ksur. Fil-każijiet kollha saru ħafna komunikazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Madankollu, ladarba nbdew il-proċeduri ta' ksur, kien hemm dewmien twil u kien hemm perjodi ta' inattività għal każijiet individwali kif ukoll dewmien fir-risponsi tal-Istati Membri. Pereżempju, f'każ wieħed kien hemm perjodu ta' inattività bejn Frar 2012 u Marzu 2014, u f'każ ieħor ma kienx hemm komunikazzjoni mill-Kummissjoni fil-perjodu bejn Novembru 2012 u Mejju 2015, għalkemm sussegwentement id-deċiżjoni ttieħdet f'qasir żmien.

## 104

Minkejja li jieħdu aktar fit-tul milli mistenni u ppjanat, ir-riżultati tal-każijiet ta' ksur kollha li ngħalqu kien li l-Istat Membru kkonċernat emenda l-leġiżlazzjoni tiegħu, u b'hekk irrimedja l-problemi identifikati. Jista' jiġi konkluż li meta jinbdew proċeduri ta' ksur dawn iwasslu għal bidliet leġiżlattivi fl-Istati Membri. Madankollu, l-għadd tagħhom għadu estremament baxx. Barra minn hekk, filwaqt li l-Kummissjoni tħabbar il-ftuħ ta' proċedura ta' ksur, dokumentazzjoni dettaljata ma ssirx disponibbli għall-pubbliku meta jingħalaq il-każ, li jnaqqas it-trasparenza tal-proċedura u jaffettwa ħażin l-iżvilupp ta' prattika legali komuni.

### Każ wieħed biss ġie riferut lill-Qorti tal-Ġustizzja

## 105

Meta l-Kummissjoni ttella' lil Stat Membru quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-Kummissjoni li trid tipprovdi l-evidenza tal-ksur tal-liġi tal-UE. Jekk l-evidenza ma tkunx konkluživa biżżejjed, il-Qorti hija intitolata li tiddeċiedi s-sentenza kontra l-Kummissjoni billi tiddikjara li l-każ mhuwiex inammissibbli jew huwa mingħajr bażi. Il-Kummissjoni rriferiet każ wieħed biss ta' ksur abbażi tad-Direttiva[56] lill-Qorti tal-Ġustizzja[57] (ara l-***Kaxxa 6***).

56 L-Artikoli 14, 15 u 16.

57 Il-Każ C-179/14, il-Kummissjoni vs l-Ungerija, 2012/4083.

Kaxxa 6

## Każ ta' ksur imressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li ttella' lill-Ungerija quddem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex tikkuntesta l-leġiżlazzjoni tagħha dwar il-ħruġ ta' vawċers għall-ikliet, għall-ħin liberu u għall-vaganzi. Il-Kummissjoni tqis li r-restrizzjonijiet introdotti mil-leġiżlazzjoni Ungeriża fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2012 imorru kontra l-prinċipji fundamentali tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu provduti servizzi, minquxin fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE) u kontra d-Direttiva dwar is-Servizzi (id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern).

Fl-2011, l-Ungerija emendat il-leġiżlazzjoni tagħha dwar il-ħruġ ta' vawċers għall-ikliet (sħan u kesħin), għall-ħin liberu u għall-vaganzi, mogħtija mill-persuni li jimpjegaw lill-impjegati tagħhom, u meqjusin bħala benefiċċji *in natura* u għalhekk suġġetti għal regoli aktar favorevoli tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali. Din il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012 b'ebda perjodu jew miżura tranżitorja sinifikanti. Qabel dan, ma kien hemm ebda kundizzjoni speċifika dwar il-ħruġ ta' vawċers għall-ikliet sħan u kesħin mill-persuni li jimpjegaw lill-impjegati tagħhom, jew għall-forma ta' vawċers bħal dawn.

Din il-leġiżlazzjoni ġdida ħolqot monopolju għal fondazzjoni pubblika responsabbli għall-ħruġ ta' vawċers għall-ikliet kesħin (stampati jew elettroniċi) u vawċers għall-ikliet sħan (stampati), li jingħataw mill-persuni li jimpjegaw lill-impjegati tagħhom. Barra minn hekk, hija tistabbilixxi kundizzjonijiet stretti ħafna għall-ħruġ ta' vawċers għall-ikliet sħan, għall-ħin liberu u għall-vaganzi, meqjusin bħala benefiċċji *in natura*, li ma għadhomx jistgħu jinħarġu f'forma elettronika.

Din il-leġiżlazzjoni ġdida tfisser li operaturi li ilhom preżenti fis-suq tal-vawċers għall-ikliet sħan u kesħin għal bosta snin, issa huma esklużi mis-suq għal vawċers li huma meqjusin bħala benefiċċji *in natura*.

Billi l-Ungerija ma allinjatx il-leġiżlazzjoni tagħha mal-opinjoni motivata li ntbagħtitilha f'Novembru 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq dan il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Sa Ottubru 2015, il-każ kien għadu pendenti.

**106**
Fir-rapporti tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-korpi l-oħra u b'mod partikolari fil-Pakkett għas-Servizzi (Ġunju 2012), l-għodod ta' infurzar ġew riveduti u saru rakkomandazzjonijiet għal azzjoni fil-futur. Il-Qorti nnutat li kien hemm kunsens fl-Istat Membri miżjura li l-kwistjonijiet kollha ta' nuqqas ta' konformità għandhom jiġu indirizzati b'mod rigoruż u li għandhom jiġu applikati l-proċeduri ta' ksur.

**107**
Il-Kummissjoni ma ħalqitx strateġija sistematika biex issaħħaħ is-suq uniku fis-servizzi, b'mod partikolari l-oqsma koperti mid-Direttiva. L-attivitajiet ta' infurzar attwali mhux dejjem jiffukaw fuq l-industriji li huma l-aktar sinifikanti ekonomikament, magħżula fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

## Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi kellhom suċċess limitat

**108**
Minbarra l-proċeduri ta' ksur, il-Kummissjoni qed tipprova tinfluwenza lill-Istati Membri billi tinkludi rakkomandazzjonijiet relatati mad-Direttiva dwar is-Servizzi f'Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Rakkomandazzjonijiet bħal dawn huma approvati mill-Kunsill. Il-Kummissjoni tqis li s-CSRs għandhom impatt politiku akbar mill-proċeduri ta' ksur billi dawn jiġu maqbula u adottati mill-gvernijiet tal-Istati Membri.

**109**
F'Ġunju 2014, kwistjonijiet relatati mal-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi ġew inklużi f'14-il CSR[58]. Pereżempju, il-Kummissjoni rrakkomandat li l-gvern ta' Franza "jneħħi r-restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq l-aċċess għal u l-eżerċizzju tal-professjonijiet regolati u jnaqqas il-kostijiet tad-dħul u jimpromwovi l-kompetizzjoni fis-servizzi". Fl-2015, ġie nnutat li kien sar xi progress f'dan il-qasam[59]. Madankollu, f'xi pajjiżi jew ma kienx hemm progress, jew kien hemm progress limitat jew inkella s-CSR ma ġietx indirizzata. (Ara l-***Kaxxa 7***)

**110**
Għalkemm il-Kummissjoni tqis li s-CSRs għandhom impatt politiku akbar mill-proċeduri ta' ksur, mhux l-Istati Membri kollha jaġixxu fuq ir-rakkomandazzjonijiet b'mod xieraq. Ma hemm ebda evidenza li s-CSRs huma aktar effettivi fit-tneħħija tal-ostakli milli huma l-proċeduri ta' ksur.

58 http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/csr2014/overview_recommendations_2014_by_member_state_en.pdf.

59 Pereżempju professjonijiet regolati, b'mod partikolari spiżeriji u tan-nuċċalijiet, il-promozzjoni tal-kompetizzjoni fis-servizzi, it-tnaqqis tal-piż regolatorju li jaffettwa lis-settur tal-bejgħ bl-imnut bil-"Loi relative à l'artisanat, au commerce et aux très petites entreprises" (ACTPE), bl-għan li tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-istabbiliment ta' postijiet ta' bejgħ bl-imnut u l-abbozz ta' liġi dwar attività ekonomika li tagħti aktar setgħat lill-Awtorità tal-Kompetizzjoni.

Kaxxa 7

## CSR tal-2014 ingħatat segwitu fl-2015, bi progress limitat jew b'ebda progress innutat

Is-CSR 5 għall-Ungerija rrakkomandat li "tistabbilizza l-qafas regolatorju u trawwem kompetizzjoni fis-suq, fost l-oħrajn billi tneħħi l-ostakli fis-settur tas-servizzi".

Madankollu, fl-2015 ġie nnutat li l-Ungerija għamlet progress limitat fl-indirizzar tas-CSR 5 u tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Fil-fatt ma nkiseb ebda progress biex jiġi stabilizzat il-qafas regolatorju u titrawwem kompetizzjoni fis-suq, speċjalment fis-settur tas-servizzi.

Is-CSR 4 għall-Awstrija biex "tneħħi ostakli eċċessivi għall-fornituri ta' servizzi, inkluż fir-rigward ta' forom legali u rekwiżiti azzjonarji u fir-rigward tat-twaqqif ta' kumpaniji interdixxiplinarji tas-servizzi".

L-Awstrija ma għamlitx progress fir-riforma matul il-perjodu ta' rappurtar, inkluż fir-rigward tal-forma legali u r-rekwiżiti azzjonarji u l-attivitajiet interdixxiplinarji tas-servizzi. Għad ma kemmx analiżi wiesgħa tar-restrizzjonijiet eżistenti.

Is-CSR 6 għal Spanja jirrakkomanda li "tadotta riforma ambizzjuża ta' servizzi professjonali u ta' assoċjazzjonijiet professjonali sa tmiem l-2014, li tiddefinixxi l-professjonijiet li jeħtieġu reġistrazzjoni f'organizzazzjoni professjonali, u t-trasparenza u r-responsabbiltà ta' korpi professjonali, il-ftuħ ta' attivitajiet riżervati mingħajr ġustifikazzjoni u s-salvagwardja tal-unità tas-suq fl-aċċess għal servizzi professjonali fi Spanja u fl-eżerċitar tagħhom. Tnaqqas aktar il-ħin, il-kost u n-numru ta' proċeduri meħtieġa għat-twaqqif ta' negozju li jopera. Tindirizza restrizzjonijiet mhux ġustifikati għall-istabbiliment ta' postijiet ta' bejgħ bl-imnut fuq skala kbira, b'mod partikolari permezz ta' reviżjoni tar-regolamenti eżistenti ta' ppjanar reġjonali".

Ma sar ebda progress fir-rigward tal-adozzjoni tar-riforma ta' servizzi professjonali u ta' assoċjazzjonijiet professjonali.

Sar xi progress fit-tnaqqis ulterjuri tal-ħin, il-kost u n-numru ta' proċeduri meħtieġa għat-twaqqif ta' negozju li jopera.

# Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet



## 111

Il-Kummissjoni għandha d-dmir li tikkoordina l-politika dwar is-Suq Uniku Ewropew u li tfittex it-tneħħija ta' ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ fil-qasam tas-servizzi. Xi snin wara d-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, għadhom jeżistu xi ostakli għas-suq intern għal servizzi li huma koperti mid-Direttiva. Il-Kummissjoni stabbilixxiet għadd ta' mekkaniżmi biex tidentifika l-ostakli, ħolqot strutturi ta' appoġġ biex jassistu lill-Istati Membri biex inaqqsuhom u stabbilixxiet mekkaniżmi alternattivi għar-riżoluzzjoni ta' tilwim. Madankollu, il-Kummissjoni qagħdet lura milli tagħti bidu għal proċedimenti legali, minn banda minħabba t-tul tal-proċedura u mill-banda l-oħra minħabba n-nuqqas ta' fiduċja tagħha fis-saħħa tal-leġiżlazzjoni. Kumplessivament, il-Kummissjoni kienet biss parzjalment effettiva fl-iżgurar tal-implimentazzjoni tad-Direttiva.

## Traspożizzjoni u monitoraġġ tal-implimentazzjoni

## 112

Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri ma ttrasponewx id-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-ħin. Il-Kummissjoni mmonitorjat il-progress tal-Istati Membri u rrappurtat dwaru lill-Kunsill Kompetittività. L-Istati Membri rrikonoxxew il-fatt li l-Kummissjoni għamlet ħafna fuq livell prattiku biex tgħinhom jimplimentaw id-Direttiva matul u wara t-traspożizzjoni, billi orgranizzat diskussjonijiet fi gruppi għall-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka kif ukoll billi pprovdiet gwida matul il-laqgħat tematiċi u regolari tal-gruppi ta' esperti. Inħarġet gwida għat-traspożizzjoni fil-forma ta'"Manwal dwar l-implimentazzjoni" li għalkemm tqies li kien utli, ma nħariġx fil-ħin għall-bidu tal-perjodu ta' tliet snin u għalhekk ikkontribwixxa għal dewmien fit-traspożizzjoni sħiħa (ara l-paragrafi 16 sa 20).

### Rakkomandazzjoni 1

Il-Kummissjoni għandha tabbozza gwida għat-traspożizzjoni u toħroġha malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni.

## 113

Il-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka u l-kontrolli tal-prestazzjoni sussegwenti wrew li għadu jippersisti għadd sinifikanti ta' ostakli. L-Istati Membri jqisu li l-Kummissjoni setgħet għamlet aktar biex telimina l-ostakli li potenzjalment ma kinux ġustifikati u li ġew identifikati matul dan il-proċess. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma kkontestatx il-ġustifikazzjoni ta' proporzjonalità pprovduta minn xi Stati Membri. Ir-riżultati ma ntużawx biex jappoġġaw l-infurzar sistematiku tad-Direttiva mill-Kummissjoni, bl-għan li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet l-aktar sinifikanti ekonomikament (ara l-paragrafi 21 sa 36).

## Rakkomandazzjoni 2

Ir-riżultati minn eżerċizzji bħal evalwazzjonijiet reċiproċi u kontrolli tal-prestazzjoni għandhom jingħataw segwitu biex jiġi riżolt in-nuqqas ta' konformità; il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jindirizzaw il-kwistjonijiet li huma l-aktar sinifikanti ekonomikament.

### 114

Il-benefiċċju ekonomiku potenzjali tal-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva mhuwiex magħruf, għalkemm spiss jiġu kkwotati gwadanji stmati fl-output biex jintwera l-impatt tat-tnaqqis tal-ostakli. Minħabba fin-nuqqas ta' *data* ddettaljata b'mod xieraq dwar setturi affettwati mid-Direttiva, għad ma hemm ebda kwantifikazzjoni affidabbli tal-impatt tagħha. Kien biss reċentement li l-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri biex jipprovdu r-ripartizzjonijiet dettaljati meħtieġa tal-kontijiet nazzjonali (ara l-paragrafi 37 sa 42).

## Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni għandha tagħmel sforz biex tiżgura li l-kwistjoni ta' *data* meħtieġa għall-valutazzjoni tal-impatti tal-leġiżlazzjoni l-ġdida tiġi indirizzata kmieni fil-proċedura leġiżlattiva.

## Implimentazzjoni

### 115

Punti ta' Kuntatt Waħdieni huma karatteristika prominenti tad-Direttiva. Kien hemm dewmien fl-istabbiliment tagħhom u l-kwalità tagħhom tvarja ħafna fost l-Istati Membri, filwaqt li xi wħud minnhom juru nuqqas ta' ambizzjoni biex jagħmlu lill-PSCs aktar risponsivi għall-ħtiġijiet tan-negozji. Il-Kummissjoni fasslet Karta li titlob lill-Istati Membri biex jagħmlu l-isforz importanti meħtieġ biex dan jinkiseb, iżda din għadha ma rendietx riżultati sodisfaċenti (ara l-paragrafi 46 sa 52).

### 116

Mhumiex ħafna n-negozji li jafu bil-PSCs u mhux il-PSCs kollha huma viżibbli biżżejjed (ara l-paragrafi 53 sa 55).

## Rakkomandazzjoni 4

L-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-Karta dwar il-PSCs billi, pereżempju, jagħmlu l-informazzjoni disponibbli f'ħafna lingwi u jippermettu l-ikkompletar tal-passi amministrattivi kollha meħtieġa għall-forniment ta' servizzi b'mod transkonfinali.

## 117

Kooperazzjoni amministrattiva permezz tal-IMI tista' tiġi applikata b'mod utli fir-rigward tad-Direttiva iżda tintuża ħafna inqas milli, pereżempju, taħt id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali. L-IMI hija wkoll mezz ta' komunikazzjoni utli għan-notifiki obbligatorji, iżda ma tintużax biżżejjed minħabba fin-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-Istati Membri bil-mod ta' kif il-Kummissjoni tittratta n-notifiki mibgħuta, u bin-nuqqas ta' intelliġibbiltà fin-notifiki riċevuti minn Stati Membri oħra (ara l-paragrafi 56 sa 64).

### Rakkomandazzjoni 5

Il-leġiżlatur għandu jintroduċi perjodu ta' waqfien għan-notifika tal-abbozz ta' rekwiżiti u jiżgura li dawn jiġu ppubblikati fuq sit web li jkun disponibbli għall-pubbliku, biex ikun hemm aċċess aħjar u skrutinju f'waqtu.

## 118

Hemm evidenza li ħafna konsumaturi jkomplu jiltaqgħu ma' problemi biex jaċċessaw is-suq uniku għas-servizzi, anke jekk ma jressqux ilmenti formali. Madankollu, il-Kummissjoni tista' tipproponi li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur jiġi estiż sabiex ikopri l-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar is-Servizzi (ara l-paragrafi 65 sa 77).

### Rakkomandazzjoni 6

Il-Kummissjoni għandha temenda l-anness għar-Regolament dwar Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur sabiex dan jinkludi l-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

### Infurzar

## 119

Filwaqt li EU Pilot huwa għodda utli għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, spiss jittieħed wisq żmien biex jitniedu każijiet u l-informazzjoni dwar ir-riżoluzzjoni tagħhom ma tiġix ippubblikata. B'riżultat ta' dan, anke jekk EU Pilot jipprovdi rimedju f'każ individwali, huwa ma jibbenefikax lil partijiet interessati oħra u lanqas ma jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' prattika legali stabbilita tal-UE f'dan il-qasam (ara l-paragrafi 86 sa 93).

## Rakkomandazzjoni 7

Il-Kummissjoni ma għandhiex iddewwem it-tnedija ta' każ ta' EU Pilot fejn ikun ġie identifikat li hemm problema. L-informazzjoni dwar il-problemi li jkunu ġew riżolti permezz ta' EU Pilot għandha tiġi kkomunikata (b'mod anonimu, jekk meħtieġ), biex b'hekk tikkontribwixxi għat-tixrid tal-aħjar prattika.

**120**
Minkejja l-politika ta'"tolleranza żero" kien hemm biss disa' każijiet ta' ksur għal nuqqas ta' konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-Direttiva. Ittieħed wisq żmien biex dawn jiġu riżolti (medja ta' sentejn) u każ wieħed biss ta' ksur tad-Direttiva dwar is-Servizzi fil-fatt wasal għand il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Kummissjoni ma għandhiex strateġija sistematika biex issaħħaħ is-suq uniku fis-servizzi, b'mod partikolari l-oqsma koperti mid-Direttiva. L-attivitajiet attwali ta' infurzar mhux dejjem japplikaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex jiffukaw fuq l-industriji l-aktar sinifikanti ekonomikament (ara l-paragrafi 94 sa 107).

## Rakkomandazzjoni 8

Il-Kummissjoni għandha tnaqqas kemm jista' jkun it-tul tal-proċeduri ta' ksur. Biex tagħti bidu għal proċeduri ta' ksur, hija għandha tapplika approċċ ibbażat fuq ir-riskji u fuq l-importanza ekonomika tal-kwistjoni kkonċernata. Fl-aħħar nett, minħabba li l-Kummissjoni nfisha tqis li kwistjonijiet importanti ta' implimentazzjoni jistgħu jiġu deċiżi biss mill-Qorti tal-Ġustizzja, hija għandha tirreferihom fejn ikun meħtieġ.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-3 ta' Frar 2016.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

# Risposta tal-Kummissjoni



## Sommarju eżekuttiv

### IV

Il-Kummissjoni stipulat il-prijoritajiet tagħha fil-Komunikazzjoni tal-2012 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi[1]. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tispjega li qiegħda tikkonċentra fuq l-infurzar, iżda li dan mhuwiex l-uniku qasam ta' azzjoni tagħha. Il-Kummissjoni identifikat ukoll setturi prijoritarji u stabbiliet azzjonijiet għas-snin li ġejjin, inklużi Pjan ta' Azzjoni għas-Settur tal-Konsumatur, riforma tad-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki Professjonali, u Evalwazzjoni bejn il-Pari dwar il-Forma Ġuridika u l-Parteċipazzjoni Azzjonarja. Din il-ġabra ta' azzjonijiet intlaqgħet mill-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013. Kif misħuq mill-Kunsill Ewropew, l-Istati Membri għandhom ir-rwol ċentrali tagħhom x'jaqdu fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

Il-Kummissjoni fetħet bosta fajls ta' ksur fl-ewwel nofs tal-2015 li fihom il-proporzjonalità ta' miżura nazzjonali jeħtieġ li tiġi vvalutata. Pereż. il-Kummissjoni fetħet 8 każijiet ta' ksur dwar il-forma ġuridika u l-parteċipazzjoni azzjonarja, jew it-tariffi (li huma obbligi kundizzjonali previsti mill-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar is-Servizzi). Inbdew ukoll għadd ta' każijiet abbażi ta' restrizzjonijiet kwantitattivi jew territorjali (l-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar is-Servizzi) u abbażi tal-Artikolu 20.2 (non-diskriminazzjoni fl-aċċess għas-servizzi). Infetħu 10 EU Pilots fit-tieni nofs tal-2015 rigward in-nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar is-Servizzi dwar il-Punti ta' Kuntatt Waħdieni li, għal darb'oħra, jeħtieġu valutazzjoni tal-proporzjonalità.

### V

Il-Kummissjoni tieħu passi legali meta jkun hemm bżonn. Il-Kummissjoni identifikat is-setturi prijoritarji tagħha u ħadet azzjoni fihom.

Parti mid-Direttiva hija bbażata fuq valutazzjoni tal-proporzjonalità li għandha titwettaq mill-Istati Membri skont il-każ ikkonċernat, u l-Kummissjoni dan għandha tikkunsidrah. (Pereż. l-Artikolu 15 u l-Artikolu 39 li jitolbu li l-Istati Membri jevalwaw ċerti rekwiżiti.) L-azzjoni tiġi għaldaqstant deċiża mhux skont il-livelli ta' fiduċja, iżda skont il-bażi legali. It-tul tal-proċedura ġudizzjarja qatt ma naffar milli jinfetħu fajls ta' ksur. Għall-obbligi inkondizzjonali li jinsabu fid-Direttiva, il-Kummissjoni aġixxiet fil-pront permezz ta' għadd konsistenti ferm ta' investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja. Minn fost medja ta' 80 EU Pilot fis-sena, il-Kummissjoni tiftaħ aktar minn 30 fajl fuq l-inizjattiva tagħha stess.

1 http://ec.europa.eu/growth/single-market/services/services-directive/implementation/evaluation/index_en.htm

### VI

Rigward l-impatt ekonomiku tad-Direttiva dwar is-Servizzi, l-istudju tal-2012 (http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/economic_paper/2012/pdf/ecp_456_en.pdf) kien ibbażat fuq valutazzjoni tal-ostakli f'setturi tas-servizzi f'żewġ mumenti partikolari: qabel l-introduzzjoni tad-Direttiva u wara l-introduzzjoni (tmiem l-2011). Il-Kummissjoni wettqet ukoll aġġornament ta' dan l-istudju sabiex tinkludi r-riformi nazzjonali li twettqu bejn l-2012 u l-2014 (disponibbli hawnhekk: http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/13327/attachments/1/translations/en/renditions/native). Barra minn hekk, dan l-aħħar twettqu valutazzjonijiet aktar mirquma dwar il-bqija tal-ostakli u l-potenzjal ekonomiku tat-tneħħija tagħhom fis-setturi prijoritarji tas-servizzi tan-negozju u tas-settur tal-konsumatur. Dawn ġew ippubblikati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal fir-rigward tal-Istrateġija tas-Suq Uniku (ara t-Taqsimiet 2.3 u 2.4: http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/13405/attachments/1/translations/en/renditions/native).

### VII L-ewwel inċiż

Il-Kummissjoni fetħet aktar minn 30 fajl (każijiet ta' tolleranza żero) wara l-eżerċizzju ta' valutazzjoni reċiproka tal-2013. Fetħet 15-il fajl EU Pilot wara evalwazzjoni bejn il-pari dwar il-forma ġuridika, il-parteċipazzjoni azzjonarja u t-tariffi fl-2014. Minn fost dawk il-15-il fajl, f'5 każijiet intbagħtet Ittra ta' Tqegħid fil-Mora lill-Istati Membri kkonċernati li jikkostitwixxu madwar 80 EU Pilot fis-sena. Dan l-għadd ta' fajls huwa fost l-akbar li qatt infetħu mill-Kummissjoni għal-leġiżlazzjoni sekondarja waħda. Hija ta' sforz enormi mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni billi kienet tirrikjedi 1 584 leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex tiġi trasposta, l-akbar għadd ta' miżuri ta' traspożizzjoni li qatt kien meħtieġ għal-leġiżlazzjoni sekondarja waħda tal-UE

### VII It-tieni inċiż

EU Pilot hija sistema li permezz tagħha l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiddiskutu, fi stadju bikri, il-possibbiltà ta' ksur tal-liġi tal-UE. Dawn id-diskussjonijiet huma rregolati mill-kunfidenzjalità; il-Kummissjoni ma tiddivulga xejn dwar jekk EU Pilot fuq suġġett partikolari huwiex/kienx pendenti fil-konfront ta' Stat Membru partikolari. Il-Kummissjoni tagħmel skambju ta' prattiki tajba mal-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, inkluż it-tħaddim ta' EU Pilot, f'fora apposta. Il-Kummissjoni tippubblika informazzjoni dwar EU Pilot billi tiġmagħha fir-Rapport Annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE (COM(2015)329). Kieku l-Kummissjoni kellha tippubblika informazzjoni speċifika dwar każ ta' EU Pilot, ikollha tħares l-obbligi ta' kunfidenzjalità li hija għandha fil-konfront tal-Istati Membri, li għandhom jiġu kkunsidrati skont il-każ. Il-prassi tal-Kummissjoni li tittratta b'mod kunfidenzjali l-investigazzjonijiet EU Pilot li jinsabu għaddejjin diġà ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-QtĠ) (is-sentenza Petrie (il-Kawża T-191/99), is-sentenza Spirlea (il-Kawża T 306/12), ClientEarth vs il-Kummissjoni, T-424/14 u T-425/14). Dawn is-sentenzi ngħataw f'rabta ma' rikjesti għal aċċess għad-dokumenti minn partijiet terzi esterni. Fid-dawl tal-preċedenti, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-politika ta' tixrid attwali tagħha toħloq bilanċ xieraq bejn il-bżonn li tippromovi l-aħjar prattiki dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE u l-ħarsien tal-kunfidenzjalità fil-konfront tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni hija impenjata li xxerred l-informazzjoni miġmugħa dwar EU Pilot.

### VII It-tielet inċiż

Il-Kummissjoni tikkunsidra li proċedura ta' ksur għandha bħala għan dak li jtemm ksur tal-liġi tal-UE u jiżgura l-konformità fl-aktar stadju bikri possibbli. Ħadet impenn li trażżan kemm jista' jkun il-ħin meħtieġ sabiex dan l-għan jintlaħaq. Madankollu l-aktar mod effettiv biex dan l-għan jintlaħaq, mhux dejjem ikun marbut mal-ħeffa ta' proċedura ta' ksur, billi xi drabi jekk proċedura ta' ksur jitkompla mingħajr ma jitqiesu sitwazzjonijiet kontinġenti jista' jkun hemm riżultati kontraproduttivi.

### VII Ir-raba' inċiż
Il-fatt li l-każijiet ma ġewx imressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja, ma jfissirx neċessarjament li l-Kummissjoni ma rsistietx li tibda proċedura ta' ksur, iżda jfisser li ġiet żgurata l-konformità qabel ma jsir it-tressiq. L-iskop tal-proċedura ta' ksur huwa li tiżgura l-konformità fl-aktar stadju bikri possibbli. F'dan ir-rigward, l-għodda EU Pilot hija strument effettiv biex issolvi kwistjonijiet qabel ma tinbeda proċedura formali ta' ksur u qabel ma l-każ, eventwalment, jitressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk ikun meħtieġ. Wara l-introduzzjoni ta' EU Pilot, l-għadd ta' proċeduri ta' ksur u b'hekk, ta' tressiq ta' każijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, naqas drastikament b'mod ġenerali. Kif indikat fit-tweġiba, din id-dikjarazzjoni tgħodd għall-proċedura ta' ksur inġenerali.

### VIII L-ewwel inċiż
Il-Kummissjoni qiegħda tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni permezz ta' sensiela komprensiva ta' għodod li jippromovu l-konformità (pjanijiet ta' implimentazzjoni għal inizjattivi leġiżlattivi kbar, netwerks u linji gwida u laqgħat tal-kumitati tal-esperti). Il-Pakkett dwar Regolamentazzjoni Aħjar adottat f'Mejju 2015 ikkonferma l-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri fl-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom (il-Linji Gwida għar-Regolamentazzjoni Aħjar paġni 33-35). F'dan ir-rigward, il-proposti kollha għal Direttivi kbar huma akkumpanjati minn pjanijiet ta' implimentazzjoni li jiddeskrivu l-isfidi ta' implimentazzjoni u azzjonijiet ta' sostenn rilevanti li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni.

Il-manwal dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi kien disponibbli seba' xhur wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, u 29 xahar qabel l-iskadenza għat-traspożizzjoni. Kien hemm konsultazzjoni kif ukoll diskussjonijiet estensivi flimkien mal-Istati Membri qabel ma ġie ppubblikat il-manwal, u l-Istati Membri kellhom għaldaqstant għarfien sew tal-kontenut minn qabel. L-ippubblikar tal-manwal mingħajr konsultazzjoni kif suppost kien ikun aktar problematiku mid-dewmien tal-pubblikazzjoni tiegħu.

### VIII It-tieni inċiż
Skont, l-Aġenda l-ġdida dwar Regolamentazzjoni Aħjar, il-Kummissjoni qiegħda ssaħħaħ l-approċċ tagħha fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt u l-evalwazzjonijiet, sabiex ittejjeb il-bażi evidenzjali li fuqha l-proposti leġiżlattivi kollha huma msejsa, mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet politiċi. Il-Kummissjoni esponiet il-proċess tagħha ta' tfassil tal-politika għal aktar skrutinju u input pubbliku, permezz ta' portal fuq l-internet li fih jista' jsir traċċar tal-inizjattivi u tal-konsultazzjonijiet pubbliċi ġodda meta l-Kummissjoni tkun qiegħda tevalwa l-linji ta' politika eżistenti jew tivvaluta l-possibbiltà ta' proposti ġodda.

### VIII Ir-raba' inċiż
L-Istrateġija għas-Suq Uniku għall-oġġetti u għas-servizzi ppubblikata mill-Kummissjoni fit-28 ta' Ottubru 2015 ħabbret bosta azzjonijiet sabiex ittejjeb it-twettiq tad-Direttiva dwar is-Servizzi, inkluża r-riforma tal-proċedura ta' notifika. Il-Kummissjoni qiegħda tikkonsidra bosta alternattivi leġiżlattivi, inklużi elementi bħal perjodu ta' waqfien u li l-partijiet ikkonċernati jingħataw aċċess għan-notifiki sabiex trasparenza aħjar tkun żgurata. L-Istrateġija għas-Suq Uniku tindika l-fatt li l-għoti ta' informazzjoni fuq sit web disponibbli pubblikament għadu mhuwiex disponibbli. Proposta korrispondenti hija ppjanata għall-2016.

### VIII Il-ħames inċiż
L-Istrateġija għas-Suq Uniku tħabbar tali reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, iżda wkoll leġiżlazzjoni li toffri qafas aktar speċifiku lil hinn minn Artikolu 20 tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

## Introduzzjoni

11
Il-Kummissjoni tinnota li d-DĠ Grow issawwar permezz tal-fużjoni tad-Direttorati Ġenerali preċedenti MARKT u ENTR.

## Osservazzjonijiet

14
Il-Kummissjoni identifikat oqsma li fihom id-Direttiva ma kinitx ġiet implimentata u ħadet azzjonijiet xierqa, pereż. il-politika ta' tolleranza żero u l-każijiet tal-forma ġuridika, tal-parteċipazzjoni azzjonarja u tat-tariffi. L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jidentifikaw ir-restrizzjonijiet u l-ostakli fit-territorju tagħhom.

Għall-Kummissjoni kien ta' siwi li tapplika sistematikament l-EU Pilot bħala mod effettiv biex tevita proċeduri ġuridiċi mtawwla u biex tiżgura l-ħeffa fil-konformità min-naħa tal-Istati Membri.

Xi dispożizzjonijiet importanti fid-Direttiva jitolbu t-twettiq ta' valutazzjoni tal-proporzjonalità min-naħa tal-Istat Membru skont il-każ ikkonċernat, u l-Kummissjoni trid tqis dak l-element u toqgħod attenta li ma tmurx lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

15
Rigward l-impatt ekonomiku tad-Direttiva dwar is-Servizzi, l-istudju tal-2012 (http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/economic_paper/2012/pdf/ecp_456_en.pdf) kien ibbażat fuq valutazzjoni tal-ostakli f'setturi tas-servizzi f'żewġ mumenti partikolari: qabel l-introduzzjoni tad-Direttiva u wara l-introduzzjoni (tmiem l-2011).

Il-Kummissjoni wettqet aġġornament ta' dan l-istudju sabiex tinkludi r-riformi nazzjonali li twettqu bejn l-2012 u l-2014 (disponibbli hawnhekk: http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/13327/attachments/1/translations/en/renditions/native). Barra minn hekk, dan l-aħħar twettqu valutazzjonijiet aktar mirquma dwar il-bqija tal-ostakli u l-potenzjal ekonomiku tat-tneħħija tagħhom f'setturi prijoritarji tas-servizzi tan-negozju u tas-settur tal-konsumatur. Dawn ġew ippubblikati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal fir-rigward tal-Istrateġija tas-Suq Uniku (ara t-Taqsimiet 2.3 u 2.4: http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/13405/attachments/1/translations/en/renditions/native).

17
Il-manwal kien disponibbli seba' xhur wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, u 29 xahar qabel l-iskadenza għat-traspożizzjoni. Kien hemm konsultazzjoni kif ukoll diskussjonijiet estensivi flimkien mal-Istati Membri qabel ma ġie ppubblikat il-manwal, u l-Istati Membri kellhom għaldaqstant għarfien sew tal-kontenut minn qabel. L-ippubblikar tal-manwal mingħajr konsultazzjoni kif suppost kien ikun aktar problematiku mid-dewmien ċkejken fir-rigward tal-pubblikazzjoni tiegħu.

**28**
Il-Kummissjoni hija tal-fehma li għandu jsir aktar sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni ambizzjuża tad-Direttiva dwar is-Servizzi. Fl-2015, is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu eżerċizzju ta' segwitu għall-valutazzjoni tal-2012, li kien jeżamina l-progress li sar bejn l-2012 u l-2014. Mill-eżerċizzju rriżulta li l-miżuri li ttieħdu f'dan il-perjodu se jżidu biss 0,1 % addizzjonali tal-PDG tal-UE (minn fost il-1,8 % ta' PDG potenzjali kif identifikat fl-istudju tal-2012).

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li għandhom jittieħdu miżuri addizzjonali sabiex ir-restrizzjonijiet tal-forma ġuridika jitnaqqsu ulterjorment, kif jidher biċ-ċar f'pereż. ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż fl-ambitu tas-Semestru Ewropew, u permezz ta' azzjonijiet ta' dan l-aħħar tal-Kummissjoni li kellhom fil-mira tali restrizzjonijiet f'bosta Stati Membri.

**29**
Il-Kummissjoni stipulat il-prijoritajiet tagħha fil-Komunikazzjoni tal-2012 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi[2]. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tispjega li qiegħda tikkonċentra fuq l-infurzar, iżda li dan mhuwiex l-uniku qasam ta' azzjoni tagħha. Il-Kummissjoni identifikat ukoll setturi prijoritarji u stabbiliet azzjonijiet għas-snin li ġejjin, inkluż Pjan ta' Azzjoni għas-Settur tal-Konsumatur, riforma tad-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki Professjonali, u Evalwazzjoni bejn il-Pari dwar il-Forma Ġuridika u l-Parteċipazzjoni Azzjonarja. Din il-ġabra ta' azzjonijiet intlaqgħet mill-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013. Kif misħuq mill-Kunsill Ewropew, l-Istati Membri għandhom rwol ċentrali x'jaqdu fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

Fis-sajf tal-2012, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-Istati Membri sabiex tistaqsi kif kienu beħsiebhom ineħħu ksur ovvju (il-każijiet ta' żero tolleranza).

**36**
Il-verifiki tal-prestazzjoni ma kellhomx l-għan li jidentifikaw ostakli inkompatibbli mad-Direttiva dwar is-Servizzi. Wara l-verifiki tal-prestazzjoni, id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali ġiet emendata fl-2013 (ara l-proposta inizjali KUMM(2011) 883 finali, Taqsima 4.11. u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-2011 (KUMM(2011) 20 finali, Taqsima 4.2.) u d-Direttiva emendata dwar il-vjaġġi kollox inkluż qiegħed isir qbil dwarha fl-2015 (ara l-proposta inizjali tal-Kummissjoni COM(2013) 512 final, it-Taqsima 1.4. tal-proposta).

**37**
Valutazzjoni mirquma tar-riformi implimentati mill-Istati Membri mill-introduzzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi sa tmiem is-sena 2011 u l-impatt ekonomiku potenzjali tagħhom ġiet ippubblikata fl-2012.

L-istudju (http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/economic_paper/2012/pdf/ecp_456_en.pdf) jipprovdi spjegazzjoni mirquma tad-dejta ekonomika li ntużat għat-twettiq tal-valutazzjoni kif ukoll tas-sorsi tagħha (ara l-paġni 19– 20 u 67–68). Xi dejta setgħet kienet nieqsa jew mhux disponibbli għal Stat Membru jew aktar. Din hija, però, problema komuni ħafna għal kull tip ta' studju ekonomiku jew ta' analiżi ekonometrika.

**38**
Jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 15.

2 http://ec.europa.eu/growth/single-market/services/services-directive/implementation/evaluation/index_en.htm

### 39
Ara wkoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 37 u 38.

### 40
Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi minn 37 sa 39.

### Tweġiba komuni għall-paragrafi 41 u 42
Il-Kummissjoni nediet inizjattiva biex tipprova tikseb dejta dwar il-kontijiet nazzjonali ppubblikata mill-Eurostat li tkun imressqa b'mod aktar komplut u fil-pront. Madankollu, hemm diversi tipi oħra ta' dejta li tirrigwarda l-istatistika dwar setturi ta' servizzi (inkluża pereżempju l-Istatistika Strutturali tal-Eurostat dwar in-Negozji) li tippermetti analiżi bir-reqqa tas-swieq tas-servizzi.

### 43
Rigward is-servizzi ta' informazzjoni jew il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, fid-Direttiva dwar is-Servizzi kienu previsti biss il-Punti ta' Kuntatt Waħdieni. Fir-rigward tal-użu tal-IMI, aktar minn 6 000 awtorità kompetenti huma rreġistrati fis-sistema taħt il-qasam ta' Servizz. L-għadd ta' skambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet għadu relattivament baxx għaliex l-Istati Membri jissottovalutaw il-potenzjal tas-sistema (u minħabba n-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni dwar l-obbligi legali abbażi tad-Direttiva dwar is-Servizzi, speċjalment f'livell lokali).

In-netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi ma nħalaqx għall-iskop tad-Direttiva dwar is-Servizzi. Huwa responsabbli għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet. Wieħed mir-rwoli ewlenin tiegħu huwa li jippromovi d-drittijiet tal-konsumaturi f'kuntest transfruntier. Iċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi jipparteċipaw ukoll, sa fejn ir-riżorsi tagħhom jippermettu, fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur skont id-Direttiva dwar is-Servizzi.

### 46
It-twaqqif tal-Punti ta' Kuntatt Waħdieni u l-iżgurar tat-tħaddim kif suppost tagħhom hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ tul dan il-proċess. Dan sar permezz ta' żewġ gruppi ta' esperti:

– EUGO — Dan serva ta' pjattaforma għall-iskambju tal-aħjar prattika u għall-organizzar ta' eżerċizzju ta' parametraġġ referenzjarju biex l-Istati Membri jingħataw rispons dwar il-prestazzjoni tagħhom u titjib neċessarju (organizzat fuq bażi annwali permezz ta' studji tal-parametraġġ referenzjarju jew ittestjar mill-utent).

– Il-grupp ta' esperti tal-proċeduri elettroniċi — Dan twaqqaf biex jiddiskuti kwistjonijiet marbuta mal-interoperabbiltà tal-proċeduri elettroniċi u għodod speċifiċi pprovduti mill-Kummissjoni sabiex il-konformità mal-obbligi skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tkun iffaċilitata. Dan is-sottogrupp tekniku ma għadux jeżisti. Kwistjonijiet ta' rilevanza għall-proċeduri elettroniċi qegħdin issa jiġu indirizzati skont ir-Regolament 910/2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ir-Regolament eIDAS).

### 47
It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern tipprovdi opportunità ta' rrappurtar dwar il-prestazzjoni tal-Punti ta' Kuntatt Waħdieni fuq bażi annwali. Dan sar abbażi tal-istudji esterni li l-Qorti rreferiet għalihom, iżda wkoll abbażi tal-ittestjar mill-utent li l-Kummissjoni ilha twettaq b'mod konġunt mal-Istati Membri. L-ittestjar mill-utent twettaq flimkien mal-Istati Membri fl-2011, 2013 u fl-2015. Fl-2013, il-Kummissjoni involviet ukoll lin-negozji (permezz tan-Netwerk Enterprise Europe, Eurochambers u Business Europe) fl-eżerċizzju ta' ittestjar. Dan ma tkompliex fl-2015 peress li l-ittestjar min-negozji twettaq mill-kuntrattur estern bħala parti mill-istudju.

## Risposta tal-Kummissjoni

**51**
Il-Kummissjoni se tissokta bl-appoġġ tagħha lill-Istati Membri billi tipprovdi gwida u toħroġ rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-aħjar prattika.

**52**
B’segwitu għall-istudju reċenti dwar il-Punti ta’ Kuntatt Waħdieni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ 10 investigazzjonijiet EU Pilot kontra 10 Stati Membri. L-investigazzjonijiet jinsabu għaddejjin bħalissa (Diċembru 2015).

**54**
In-netwerk EUGO nħalaq biex jikkoordina l-azzjonijiet tal-awtoritajiet li jirregolaw il-Punti ta’ Kuntatt Waħdieni (PSC — Point of Single Contact) filwaqt li jikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni tal-imprendituri u tal-impriżi dwar kif jistgħu jiksbu informazzjoni dettaljata dwar in-negozju barra minn pajjiżhom u dwar kif iwettqu l-formalitajiet amministrattivi rigward it-twaqqif ta’ negozju jew l-għoti ta’ servizzi b’mod transfruntier.

**55**
Il-Kummissjoni ilha taħdem biex iżżid l-aċċess għall-PSCs, pereż. permezz ta’ indikazzjonijiet aħjar mis-sit web L-Ewropa tiegħek — Negozju. Fl-ambitu tal-programm COSME, ipproponiet li tiffinanzja proġetti ta’ sensibilizzazzjoni b’mod transfruntier dwar il-PSCs, li jiffukaw partikolarment fuq l-attivitajiet online.

**60**
Iċ-ċarezza u l-kwalità tan-notifiki li jintbagħtu permezz tal-IMI, u b’mod partikolari tal-valutazzjoni tal-proporzjonalità tar-regolamenti nazzjonali mitluba skont id-Direttiva dwar is-Servizzi, jiddependu mill-Istat Membru notifikanti. Sabiex tiffaċilita l-valutazzjoni tan-notifiki, il-Kummissjoni tipprovdi traduzzjoni bl-Ingliż għall-Istati Membri kollha, u tagħmilha disponibbli fis-sistema IMI.

Ta’ min jinnota li, billi ma hemm l-ebda obbligu skont id-Direttiva dwar is-Servizzi li ssir notifika dwar l-abbozz ta’ miżuri, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-miżuri nnotifikati jkunu diġà adottati. F’dak il-kuntest, l-unika għodda effettiva sabiex il-Kummissjoni tittratta dawk il-miżuri tkun dik ta’ proċedura ta’ ksur, mentri l-azzjoni tal-Kummissjoni tkun aktar effiċjenti fl-istadju tal-abbozz. Fl-ambitu tal-Istrateġija għas-Suq Uniku, il-Kummissjoni ħabbret inizjattiva leġiżlattiva sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet.

**61**
Il-Kummissjoni hija konxja mill-eżistenza ta’ bosta rekwiżiti li kellhom jiġu nnotifikati mill-Istati Membri iżda li n-notifika tagħhom ma seħħitx. Kuntrarjament għas-sistema stabbilita skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza, (dik li qabel kienet 98/34/KE u issa saret 2015/1535/EU) ikkumplimentata mill-ġurisprudenza tal-QtĠ tal-UE (il-kawża C-194/94 *CIA Security*) li skonthom il-miżuri nazzjonali huma inapplikabbli fin-nuqqas ta’ notifika, sanzjonijiet ta’ dan it-tip ma jeżistux fl-ambitu tad-Direttiva dwar is-Servizzi. Il-Kummissjoni qiegħda tikkunsidra li ddaħħal fl-ambitu tal-qafas tal-azzjoni leġiżlattiva tagħha skont l-Istrateġija għas-Suq Uniku, dispożizzjoni li skontha n-nuqqas ta’ notifika xxejjen ir-rekwiżit, li għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinnotifikaw.

**62**
Minkejja li kemm id-Direttiva dwar is-Servizzi kif ukoll id-Direttiva dwar it-Trasparenza jistabbilixxu obbligu ta' notifika tar-rekwiżiti l-ġodda, id-Direttiva dwar is-Servizzi ma fiha l-ebda obbligu ta' notifika tal-abbozz ta' miżuri u ma tinkludi l-ebda perjodu ta' waqfien, u tillimita serjament il-possibbiltà ta' intervent mill-Kummissjoni. Iċ-ċifri jindikaw li l-maġġoranza l-kbira tal-miżuri nnotifikati diġà ġew adottati mill-Istati Membri. Barra minn hekk, in-notifiki skont id-Direttiva dwar is-Servizzi mhumiex trasparenti għall-partijiet ikkonċernati u għall-komunità tan-negozju inġenerali, u għaldaqstant dawn ma għandhomx il-possibbiltà li jirreaġixxu fir-rigward tal-abbozz ta' miżura. Sabiex ittejjeb il-proċedura ta' notifika għas-servizzi, il-Kummissjoni qiegħda tikkonsidra bosta alternattivi leġiżlattivi, inklużi elementi bħal perjodu ta' waqfien u li l-partijiet ikkonċernati jingħataw aċċess għan-notifiki sabiex tkun żgurata trasparenza aħjar. L-għoti ta' informazzjoni fuq sit web disponibbli pubblikament jista' jiġi kkunsidrat għodda sabiex din it-trasparenza tinkiseb.

**66**
Ċerti Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECCs — European Consumer Centres) jospitaw punt ta' kuntatt għad-Direttiva dwar is-Servizzi, iżda l-attivitajiet ta' dawn il-punti ta' kuntatt huma mifruda mill-attivitajiet tal-ECCs, li huma strutturi kofinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Istati Membri biex jassistu lill-konsumaturi fil-kwistjonijiet li jkollhom rigward akkwisti b'mod transfruntier.

**67**
Ġew ippubblikati fuljetti fil-livell tal-UE biex jiżguraw li l-konsumaturi jkunu informati aħjar, partikolarment "Ix-xiri ta' servizzi kullimkien fl-UE"[3], li jagħti indikazzjonijiet ċari lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom. L-isforzi prinċipali ta' sensibilizzazzjoni jridu, madankollu, isiru fil-livell nazzjonali sabiex iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' komunikazzjoni taċ-ċittadini fid-diversi Stati Membri.

Il-222 ilment relatat mal-Artikolu 20 rrappurtati mill-ECCs jirrappreżentaw biss ġabra waħda mill-ilmenti kollha min-naħa tal-konsumaturi billi mhux dawn l-ilmenti kollha jiġu rrappurtati lill-ECCs iżda jistgħu jiġu rrappurtati lill-awtoritajiet nazzjonali, lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi jew lill-Kummissjoni (pereż. madwar 1 000 ilment tressqu lil Pariri tal-Ewropa Tiegħek, Dirett).

**75**
Il-Gwida tal-Kummissjoni tal-2012 ma kinitx effettiva fir-rigward tal-għoti taċ-ċertezza tad-dritt lill-kummerċjanti u lill-konsumaturi u tal-iċċarar tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20(2). Għalhekk hemm bżonn li tittieħed aktar azzjoni biex dawk il-prinċipji jħallu effett u jissawru regoli konkreti kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità jew il-post tar-residenza tal-parteċipanti fis-suq. Fl-Istrateġija għas-Suq Uniku, il-Kummissjoni ħabbret li se tieħu miżuri leġiżlattivi sabiex tissielet it-trattament differenti mhux ġustifikat tal-konsumaturi abbażi tar-residenza jew tan-nazzjonalità f'termini ta' aċċess, prezzijiet, jew kundizzjonijiet oħra tal-bejgħ. Dan jinkludi l-identifikar u l-projbizzjoni ta' għamliet speċifiċi ta' diskriminazzjoni minħabba l-post tar-residenza li ma jkunux imsejsa fuq fatturi oġġettivi u verifikabbli.

**76**
L-isweeps (indaġnijiet) jitwettqu skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi (CPC — Consumer Protection Cooperation), li fih Anness li jelenka l-liġijiet sostantivi kkonċernati. Id-Direttiva dwar is-Servizzi bħalissa mhijiex inkluża f'dan l-Anness, u għaldaqstant l-isweeps ma jistgħux jitwettqu biex tiġi vverifikata l-konformità tan-negozji mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ta' rilevanza għall-konsumaturi (jiġifieri l-Artikolu 20). Fil-kuntest tal-Istrateġija għas-Suq Uniku, l-għan huwa li l-Artikolu 20 jiżdied mal-Anness tar-Regolament CPC. Dan ikun ifisser li se jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament: mhux biss dispożizzjonijiet dwar sweeps (l-Artikolu 9) iżda wkoll dispożizzjonijiet ġenerali bħar-rikjesti għal assistenza reċiproka (l-Artikoli 6, 7, 8).

3 http://bookshop.europa.eu/en/buying-services-everywhere-in-the-eu-pbKM0414646/?CatalogCategoryID=X0gKABstUGQAAAEjwZAY4e5L

**77**

L-evalwazzjoni esterna tabilħaqq tirrakkomanda li l-isweeps ikunu estiżi, billi dawn huma għodod għall-infurzar b'saħħithom. Dan jitqies fir-rieżami tar-Regolament CPC, billi waħda mill-miżuri li se tiġi proposta hija li tiżdied l-effiċjenza tal-azzjonijiet ikkoordinati (skont l-Artikolu 9 tar-Regolament) bħall-isweeps. L-evalwazzjoni esterna għamlet differenza ċara bejn il-qafas attwali tas-CPC u dak li hemm bżonn jinkiseb sabiex jissaħħu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni tiegħu minnhom innifishom u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness tiegħu. Billi bħalissa ma hemmx dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi inklużi fl-Anness tas-CPC, ma hemm l-ebda rakkomandazzjoni speċifika rigward l-isweeps f'rabta mad-Direttiva dwar is-Servizzi.

Dwar il-kamp ta' applikazzjoni, l-evalwazzjoni esterna ma tirrakkomandax li titqies id-Direttiva dwar is-Servizzi kollha kemm hija għar-raġunijiet li għalihom il-Qorti għamlet referenza u kkopjati mir-Rapport tal-evalwazzjoni esterna. Madankollu, waqt it-tħejjija tar-rieżami tar-Regolament tas-CPC, il-valutazzjoni tal-evalwazzjoni esterna rigward id-dimensjoni transfruntiera importanti ta' din id-Direttiva ġiet meqjusa, u l-Kummissjoni beħsiebha tipproponi l-inklużjoni tal-Artikolu 20 biss (kif spjegat fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 76).

**82**

Il-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni relatati mad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' sikwit ikunu problemi strutturali marbuta mar-regolamentazzjoni, u mhux ma' imġiba amministrattiva ħażina. B'danakollu, fl-Istrateġija għas-Suq Uniku hemm previst li Solvit jissaħħaħ sabiex ikun jista' jiffaċċja aktar problemi strutturali u problemi li ma jkollhomx neċessarjament dimensjoni transfruntiera.

**83**

Il-Kummissjoni tassisti u tappoġġja t-tħaddim ta' Solvit billi:

(a) torganizza regolarment sessjonijiet ta' taħriġ u avvenimenti tan-netwerk f'kooperazzjoni maċ-ċentri nazzjonali ta' Solvit;

(b) tabbozza u taġġorna l-manwal dwar it-trattament tal-każijiet ta' Solvit f'kooperazzjoni maċ-ċentri nazzjonali ta' Solvit;

(c) tipprovdi għajnuna għat-trattament tal-każijiet fuq it-talba taċ-ċentri ta' Solvit. F'każijiet kumplessi dan jista' jinkludi l-għoti ta' konsulenza legali informali;

(d) iġġesti u żżomm il-bażi tad-dejta ta' Solvit u interfaċċja pubblika u tipprovdi taħriġ u materjali speċifiċi biex tiffaċilita l-użu tagħha miċ-ċentri ta' Solvit;

(e) tagħmel monitoraġġ tal-kwalità u tal-prestazzjoni taċ-ċentri ta' Solvit u tal-każijiet li jgħaddu minn taħt idejhom;

(f) tiżgura li trattament tal-ilmenti u Solvit ikunu artikolati sew;

(g) tinforma liċ-ċentri ta' Solvit, fuq talba tagħhom, dwar is-segwitu mogħti mill-Kummissjoni għall-każijiet mhux solvuti, meta jkun tressaq ilment lill-Kummissjoni.

**89**

L-EU Pilot hija primarjament għodda sabiex tinkiseb il-konformità min-naħa tal-Istati Membri u t-tnedija ta' proċedura ta' ksur tiġi evitata. Dan jirrikjedi analiżi bir-reqqa u djalogu ma jaqta' xejn.

## 90

Iż-żmien li jgħaddi mir-reġistrazzjoni tal-ewwel ilment huwa ta’ 16.6-il xahar. Għaldaqstant, iż-żmien li jieħu każ fl-EU Pilot huwa ta’ medja ta’ 11-il xahar.

## Kaxxa 4 — Eżempji ta’ dewmien fil-proċedura tal-EU Pilot

Il-Kummissjoni fetħet EU Pilot f’Novembru 2012 u bagħtet Ittra ta’ Tqegħid fil-Mora (l-ewwel pass fil-proċediment ta’ ksur) f’Ottubru 2013. Inkwantu tali, l-istadju tal-EU Pilot dam biss 11-il xahar.

It-tielet każ infetaħ f’Marzu 2012 u ngħalaq f’Mejju 2013 biex jiġi trattat ulterjorment fil-qafas tal-proċedimenti ta’ ksur. Ir-rikjesta tal-Kummissjoni għal informazzjoni supplementari fi Frar 2013 hija r-raġuni għaliex kien hemm dewmien żgħir fl-għeluq tal-EU Pilot.

## 93

EU Pilot hija sistema li permezz tagħha l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiddiskutu, fi stadju bikri, il-possibbiltà ta’ ksur tal-liġi tal-UE. EU Pilot hija fażi informali imma strutturata ta’ djalogu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri individwali kkonċernati, li l-għan tagħha huwa li jinstabu soluzzjonijiet f’qasir żmien u li jiġi evitat ir-rikors għal proċeduri formali ta’ ksur. Jekk dan id-djalogu bilaterali jwassal għal eżitu sodisfaċenti, il-każ EU Pilot jingħalaq. Jekk, min-naħa l-oħra, tkun ġiet identifikata l-possibbiltà ta’ ksur tal-liġi tal-UE iżda f’dan l-istadju bikri ma tkunx tista’ tinstab soluzzjoni, il-Kummissjoni tista’ tniedi proċedura ta’ ksur (billi tibgħat ittra ta’ tqegħid fil-mora lill-Istat Membru). Dan id-djalogu huwa msejjes fuq il-kunfidenzjalità. Il-Kummissjoni ma tiddivulga xejn dwar jekk EU Pilot fuq suġġett partikolari huwiex/kienx pendenti fil-konfront ta’ Stat Membru partikolari. Il-Kummissjoni tagħmel skambju ta’ prattiki tajba mal-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, inkluż it-tħaddim ta’ EU Pilot, f’fora apposta. Il-Kummissjoni tippubblika informazzjoni dwar il-każijiet ta’ ksur, jiġifieri meta tkun infetħet proċedura formali għal ksur tal-liġi tal-UE mill-Kummissjoni billi tibgħat ittra ta’ tqegħid fil-mora. Malli tinfetaħ proċedura ta’ ksur u tintbagħat ittra ta’ tqegħid fil-mora, il-Kummissjoni tippubblika t-titlu u n-numru tal-każ (http://ec.europa.eu/atwork/applying-eu-law/infringements-proceedings/infringement_decisions/?lang_code=mt). L-istess japplika għall-istadju tal-opinjoni motivata, li fih tiġi ppubblikata wkoll stqarrija qasira għall-istampa. Fl-istat tat-tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni tippubblika stqarrija għall-istampa b’aktar dettalji. Il-Kummissjoni tippubblika informazzjoni dwar EU Pilot billi tiġmagħha fir-Rapport Annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE (COM(2015)329). Kieku l-Kummissjoni kellha tippubblika informazzjoni speċifika dwar każ EU Pilot, dan ikun imur kontra l-obbligi ta’ kunfidenzjalità li għandha fil-konfront tal-Istati Membri fil-kuntest tal-azzjoni qabel jinstab il-ksur (li jaf jikkomprometti l-fiduċja tal-awtoritajiet nazzjonali f’dawn il-każijiet u f’oħrajn). Il-prassi tal-Kummissjoni li tittratta b’mod kunfidenzjali l-investigazzjonijiet EU Pilot li jinsabu għaddejjin ġiet ikkonfermata mill-QtĠ tal-Unjoni Ewropea (is-sentenza Petrie (il-Kawża T-191/99), is-sentenza Spirlea (il-Kawża T 306/12), ClientEarth vs il-Kummissjoni, T-424/14 u T-425/14).

Fid-dawl tal-preċedenti, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-politika ta’ tixrid attwali tagħha toħloq bilanċ xieraq bejn il-bżonn li tippromovi l-aħjar prattiki dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE u r-relazzjonijiet ta’ kunfidenzjalità tal-Kummissjoni mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni ħadet impenn li tixtarr l-aqwa modi biex ixxerred l-informazzjoni miġmugħa dwar EU Pilot.

**97**
Il-Kummissjoni fetħet bosta fajls ta' ksur fl-ewwel nofs tal-2015 fil-każijiet li fihom kien jeħtieġ li l-proporzjonalità ta' miżura nazzjonali tiġi vvalutata. Pereż. il-Kummissjoni fetħet 8 każijiet ta' ksur dwar il-forma ġuridika u l-parteċipazzjoni azzjonarja, jew it-tariffi (li huma obbligi kundizzjonali previsti mill-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar is-Servizzi). Inbdew ukoll għadd ta' każijiet abbażi ta' restrizzjonijiet kwantitattivi jew territorjali (l-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar is-Servizzi) u abbażi tal-Artikolu 20.2 (non-diskriminazzjoni fl-aċċess għas-servizzi). Infetħu 10 EU Pilots fit-tieni nofs tal-2015 rigward in-nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar is-Servizzi dwar il-Punti ta' Kuntatt Waħdieni li, għal darb'oħra, jeħtieġu valutazzjoni tal-proporzjonalità. Meta l-Kummissjoni tressaq lil Stat Membru quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, sta għall-Kummissjoni li tipprovdi l-evidenza neċessarja għal ksur tal-liġi tal-UE u għall-fatt li hija tat l-opportunità lill-Istati Membri li jippreżentaw l-argumenti tagħhom qabel kull azzjoni bil-Qorti. Jekk il-Kummissjoni ma tipprovdix tali evidenza, il-Qorti tal-Ġustizzja hija intitolata li taqta' s-sentenza kontra l-Kummissjoni billi jew tiddikjara li l-każ mhuwiex ammissibbli jew inkella li huwa mingħajr bażi.

**98**
Il-politika ta' tolleranza żero nibtet minnufih wara l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka bħala politika biex ikunu indirizzati l-obbligi inkondizzjonali, jiġifieri obbligi li ma kinux jiddependu fuq analiżi tal-proporzjonalità. Fil-bidu tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, dawk l-obbligi kienu meqjusa bħala prijorità għall-Kummissjoni. Madankollu, kif indikat fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 97, il-Kummissjoni nediet sussegwentement każijiet ta' ksur għar-rekwiżiti mhux ġustifikati.

**99**
Il-Kummissjoni fetħet ħafna aktar minn disa' każijiet minħabba nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u fetħet disa' każijiet ta' ksur dwar il-politika ta' tolleranza żero, li jfisser li għal uħud mill-miżuri inklużi fid-Direttiva dwar is-Servizzi — li l-Kummissjoni tista' tidentifikahom bħala obbligi inkondizzjonali — l-Istati Membri ma għandux ikollhom każijiet ta' ksur għal nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Għaldaqstant iż-"żero tolleranza" tkun issodisfata meta ma jkun hemm ebda proċediment ta' ksur kontra l-Istati Membri. Minkejja li nfetħu disa' każijiet ta' ksur, il-Kummissjoni nediet madwar 40 investigazzjoni. Id-disa' każijiet ta' ksur jistgħu għaldaqstant jiġu kkunsidrati bħala riżultat tajjeb, billi l-oħrajn issolvew fl-istadji preċedenti tal-investigazzjoni. Irridu nikkunsidraw li l-Kummissjoni bbażat il-każijiet ta' tolleranza żero fuq ir-rapport dwar l-ostakli nazzjonali li fuqu huwa msejjes il-pakkett ta' implimentazzjoni tal-2012. Wara li dan ir-rapport ġie mgħarbel, il-Kummissjoni identifikat l-obbligi inkondizzjonali li ma ġewx issodisfati mill-Istati Membri. L-40 investigazzjoni li nfetħu huma frott dan l-eżerċizzju.

**100**
Il-Kummissjoni tikkonferma li 18-il xahar kienet il-mira għal każ ta' ksur u li t-tul ta' żmien medju għal każijiet li jikkonċernaw id-Direttiva dwar is-Servizzi kien ta' 19.6-il xahar. Dawn il-każijiet jinkludi dawk ferm sensittivi politikament. It-tul ta' żmien tal-każijiet li jirrigwardaw id-Direttiva dwar is-Servizzi huwa anqas mill-medja tat-tul ta' żmien tal-każijiet li jikkonċernaw Direttivi oħra dwar is-suq intern.

**101**
Kif spjegat fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 99, l-hekk imsejħa każijiet "għal nuqqas ta' konformità" huma każijiet ta' tolleranza żero mnedija mill-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tagħha stess.

**104**

It-tul ta' żmien tal-każijiet ta' ksur relatati mad-Direttiva dwar is-Servizzi huwa anqas mill-medja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-bidliet leġiżlattivi fl-Istati Membri mhumiex biss il-konsegwenza tal-ftuħ tal-proċedimenti ta' ksur: Sa mill-introduzzjoni ta' EU Pilot, ħafna każijiet issolvew qabel ma nfetħu l-proċeduri ta' ksur. Is-suċċess ta' EU Pilot jispjega l-għadd aktar limitat ta' proċeduri ta' ksur u t-tressiq sussegwenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Dwar id-dokumentazzjoni disponibbli, id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kummissjoni dwar il-każijiet ta' ksur huma disponibbli pubblikament fuq is-sit web tal-Kummissjoni. Barra dan, ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jipprovdi rendikont komplut tal-proċeduri ta' ksur li għaddew minn taħt idejn il-Kummissjoni fis-sena preċedenti. Kif rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-atmosfera ta' fiduċja reċiproka bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat għandha tinżamm sakemm dawn il-proċeduri jkunu għaddejjin. Din il-politika tiġi segwita wkoll fil-kuntest tar-rikjesti għal aċċess għad-dokumenti (ara l-Artikolu 4(2) tar-Regolament dwar l-Aċċess għad-Dokumenti 1049/2001). Madankollu, f'konformità ma' dik il-ġurisprudenza, malli tingħalaq l-investigazzjoni u sa fejn ma tkunx marbuta ma' investigazzjonijiet pendenti oħra, il-Kummissjoni ma għadhiex tapplika tali suppożizzjoni ġenerali u tifli kull rikjesta bl-għan li tagħti kemm jista' jkun aċċess mifrux skont ir-Regolament 1049/2001.

## Kaxxa 6 — Każ ta' ksur imressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

Kif iddikjarat fir-Rapport Annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE (2014)[4], it-tnaqqis ġenerali talgħadd ta' proċeduri ta' ksur jista' jitpoġġa f'rabta maż-żieda kbira tad-deċiżjonijiet preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE mill-2010 'il quddiem. Il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-kwistjonijiet ta' konformità tal-liġijiet nazzjonali fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-UE f'madwar nofs is-sentenzi tagħha skont l-Artikolu 267 TFUE mill-2010 'il quddiem u identifikat nuqqasijiet ta' konformità f'bosta każijiet. Filwaqt li hemm distinzjoni bejn id-deċiżjonijiet preliminari u s-sentenzi ta' ksur, dan jagħti lill-Kummissjoni l-opportunità li tiżgura b'mod aktar sistematiku li l-ksur tal-liġi tal-Unjoni li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew mill-applikazzjoni tagħha jiġi rimedjat.

L-Avukat Ġenerali ta l-opinjoni tiegħu f'Settembru 2015.

**107**

L-istrateġija ta' infurzar fil-qasam kopert mid-Direttiva dwar is-Servizzi hija bbażata fuq strumenti differenti: ksur, Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (CSR — Corporate Social Responsibility), u d-djalogu mal-Istati Membri. L-azzjoni min-naħa tal-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-istrumenti differenti kollha. Mill-2007, il-Kummissjoni stabbiliet il-prijoritajiet tagħhom bis-saħħa ta' azzjoni ta' infurzar, u l-Kummissjoni stabbiliet il-prijoritajiet tagħhom fil-Komunikazzjoni tal-2012. Dawn il-prijoritajiet twettqu filwaqt li, naturalment, tqies l-obbligu tal-Kummissjoni bħala l-għassiesa tat-Trattat. Politika aktar mirquma bbażata fuq il-prijoritajiet se tiġi żviluppata ulterjorment fl-ambitu tal-Istrateġija għas-Suq Uniku.

**108**

CSRs fl-ambitu tal-proċess tas-Semestru jirrigwardaw kwistjonijiet u problemi li ġew analizzati u diskussi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni kif ukoll fuq il-livell tal-Kunsill. Għaldaqstant teżisti responsabbiltà politika aktar b'saħħitha. Il-proċeduri ta' ksur jista' jkollhom impatti politiċi wkoll.

**110**

Jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 108.

4 COM(2015) 329 final

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### 111

Il-Kummissjoni tieħu passi legali meta jkun hemm bżonn. Il-Kummissjoni identifikat is-setturi prijoritarji tagħha u mxiet magħhom.

Il-maġġorparti tad-Direttiva hija bbażata fuq valutazzjoni tal-proporzjonalità li għandha titwettaq mill-Istati Membri skont il-każ ikkonċernat, u l-Kummissjoni dan għandha tikkunsidrah. (Pereż. l-Artikolu 15 u l-Artikolu 39 li jitolbu li l-Istati Membri jevalwaw ċerti rekwiżiti.) L-azzjoni tiġi għaldaqstant deċiża mhux skont il-livelli ta' fiduċja, iżda skont il-bażi legali. It-tul tal-proċedura ġudizzjarja qatt ma naffar milli jinfetħu fajls ta' ksur. Għall-obbligi inkondizzjonali li jinsabu fid-Direttiva, il-Kummissjoni aġixxiet fil-pront permezz ta' għadd konsistenti ferm ta' investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja. Minn fost medja ta' 80 EU Pilot fis-sena, il-Kummissjoni tiftaħ aktar minn 30 fajl fuq l-inizjattiva tagħha stess.

### 112

Il-manwal kien disponibbli seba' xhur wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, u 29 xahar qabel l-iskadenza għat-traspożizzjoni. Kien hemm konsultazzjoni kif ukoll diskussjonijiet estensivi flimkien mal-Istati Membri qabel ma ġie ppubblikat il-manwal, u l-Istati Membri kellhom għaldaqstant għarfien sew tal-kontenut minn qabel. L-ippubblikar tal-manwal mingħajr konsultazzjoni kif suppost kien ikun aktar problematiku mid-dewmien ċkejken fir-rigward tal-pubblikazzjoni tiegħu.

### Rakkomandazzjoni 1

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Pakkett dwar Regolamentazzjoni aħjar adottat fid-19 ta' Mejju 2015 jistabbilixxi qafas ġenerali sabiex il-liġijiet tal-UE jkunu ssimplifikati u jsir aktar effettivi. Il-Kummissjoni qiegħda tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni permezz ta' sensiela komprensiva ta' għodod li jippromovu l-konformità (pjanijiet ta' implimentazzjoni għal inizjattivi leġiżlattivi kbar, netwerks u linji gwida u laqgħat tal-kumitati tal-esperti). Il-Kummissjoni hija tal-fehma li t-tħejjija tal-gwida ma għandhiex tinterferixxi mal-proċess politiku li jwassal għal ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar leġiżlazzjoni ġdida.

### 113

Il-Kummissjoni stipulat il-prijoritajiet tagħha fil-Komunikazzjoni tal-2012 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi[5]. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tispjega li qiegħda tikkonċentra fuq l-infurzar, iżda li dan mhuwiex l-uniku qasam ta' azzjoni tagħha. Il-Kummissjoni identifikat ukoll setturi prijoritarji u stabbiliet azzjonijiet għas-snin li ġejjin, inklużi Pjan ta' Azzjoni għas-Settur tal-Konsumatur, riforma tad-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki Professjonali, u Evalwazzjoni bejn il-Pari dwar il-Forma Ġuridika u l-Parteċipazzjoni Azzjonarja. Din il-ġabra ta' azzjonijiet intlaqgħet mill-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013. Kif misħuq mill-Kunsill Ewropew, l-Istati Membri għandhom ukoll ir-rwol tagħhom x'jaqdu fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

Il-verifiki tal-prestazzjoni ma kellhomx l-għan li jidentifikaw ostakli inkompatibbli mad-Direttiva dwar is-Servizzi. Minflok iffukaw fuq inkonsistenzi possibbli bejn il-leġiżlazzjonijiet differenti tal-UE, sabiex kull inkonsistenza bejniethom tiġi evitata. Wara l-verifiki tal-prestazzjoni, id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali ġiet emendata fl-2013 (ara l-proposta inizjali KUMM(2011) 883 finali, Taqsima 4.11. u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-2011 (KUMM(2011) 20 finali, Taqsima 4.2.) u d-Direttiva emendata dwar il-vjaġġi kollox inkluż qiegħed isir qbil dwarha fl-2015 (ara l-proposta inizjali tal-Kummissjoni COM(2013) 512 final, it-Taqsima 1.4. tal-proposta).

5 http://ec.europa.eu/growth/single-market/services/services-directive/implementation/evaluation/index_en.htm

## Rakkomandazzjoni 2
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni identifikat il-prijoritajiet tagħha fil-Komunikazzjoni tal-2012 u għamlet segwitu tagħha. Fil-Komunikazzjoni ta' Ġunju 2012, sejħet lill-Istati Membri biex idaħħlu riformi nazzjonali aktar ambizzjużi fis-servizzi. Din is-sejħa sostnietha billi ħarġet rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

## 114
L-istudju tal-2012 (http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/economic_paper/2012/pdf/ecp_456_en.pdf) kien ibbażat fuq valutazzjoni tal-ostakli f'setturi tas-servizzi f'żewġ mumenti partikolari: qabel l-introduzzjoni tad-Direttiva u wara l-introduzzjoni (tmiem l-2011). L-impatti kkalkulati ma kinux għaldaqstant ibbażati fuq stimi teoretiċi *ex-ante* iżda fuq riformi nazzjonali proprji li twettqu. L-elastiċitajiet ikkalkulati biex ikun stmat l-impatt ekonomiku tat-tneħħija tal-ostakli kienu bbażati fuq paraguni fost il-pajjiżi tad-dejta ekonomika disponibbli f'dak il-mument. Madankollu, dan ma jfissirx li dawn l-elastiċitajiet mhumiex preċiżi jew mhumiex affidabbli.

Il-Kummissjoni wettqet aġġornament ta' dan l-istudju sabiex tinkludi r-riformi nazzjonali li twettqu bejn l-2012 u l-2014 (disponibbli hawnhekk: http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/13327/attachments/1/translations/en/renditions/native). Apparti minn hekk, dan l-aħħar twettqu valutazzjonijiet aktar mirquma dwar il-bqija tal-ostakli u l-potenzjal ekonomiku tat-tneħħija tagħhom f'setturi prijoritarji tas-servizzi tan-negozju u tas-settur tal-konsumatur. Dawn ġew ippubblikati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal fir-rigward tal-Istrateġija tas-Suq Uniku (ara t-Taqsimiet 2.3 u 2.4: http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/13405/attachments/1/translations/en/renditions/native).

## Rakkomandazzjoni 3
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Fid-19 ta' Mejju 2015, adottat il-Pakkett dwar Regolamentazzjoni Aħjar biex tiżgura l-effettività tal-azzjoni tal-Kummissjoni. Il-Pakkett dwar Regolamentazzjoni Aħjar fih ukoll linji gwida dwar kif għandhom jitwettqu l-valutazzjonijiet tal-impatt sabiex jiġu eżaminati l-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u ambjentali potenzjali tal-alternattivi proposti għal azzjoni. Il-Kummissjoni ssegwi tali linji gwida.

## 115
Il-Kummissjoni se tissokta bl-appoġġ tagħha lill-Istati Membri billi tipprovdi gwida u toħroġ rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-aħjar prassi.

## 116
Il-Kummissjoni ilha taħdem biex iżżid l-aċċess għall-Punti ta' Kuntatt Waħdieni (PSCs), pereż. b'L-Ewropa tiegħek — Negozju. Fl-ambitu tal-programm COSME, ipproponiet li tiffinanzja proġetti ta' sensibilizzazzjoni b'mod transfruntier dwar il-PSCs, li jiffukaw partikolarment fuq l-attivitajiet online.

## Rakkomandazzjoni 4
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Minkejja li r-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri, il-Kummissjoni se tkompli tagħtihom appoġġ billi tipprovdi gwida u toħroġ rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-aħjar prattiki.

### 117
Iċ-ċarezza u l-kwalità tan-notifiki li jintbagħtu permezz tal-IMI, u b'mod partikolari tal-valutazzjoni tal-proporzjonalità tar-regolamenti nazzjonali mitluba skont id-Direttiva dwar is-Servizzi, jiddependu mill-Istat Membru notifikanti. Sabiex tiffaċilita l-valutazzjoni tan-notifiki, il-Kummissjoni tipprovdi traduzzjoni bl-Ingliż għall-Istati Membri kollha, u tagħmilha disponibbli fis-sistema IMI.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jivvalutaw in-notifiki kollha mressqa mill-Istati Membri fis-sistema IMI. Meta l-valutazzjoni tar-rekwiżiti nazzjonali tqajjem mistoqsijiet fir-rigward tal-kompatibbiltà mad-Direttiva dwar is-Servizzi, is-servizzi tal-Kummissjoni jibagħtu l-kummenti lill-Istat Membru rilevanti permezz tal-IMI.

Ta' min jinnota li, billi ma hemm l-ebda obbligu skont id-Direttiva dwar is-Servizzi li ssir notifika dwar l-abbozz ta' miżuri, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-miżuri nnotifikati jkunu diġà adottati. F'dak il-kuntest, l-unika għodda effettiva sabiex il-Kummissjoni tittratta dawk il-miżuri tkun dik ta' proċedura ta' ksur, mentri l-azzjoni tal-Kummissjoni tkun aktar effiċjenti fl-istadju tal-abbozz.

### Rakkomandazzjoni 5
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

### 118
Bħalissa, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda mezz biex tagħmel użu aħjar mir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi. Dan ir-Regolament jeħtieġ li jiġi emendat formalment sabiex ikun jista' jintuża biex jinforza l-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

### Rakkomandazzjoni 6
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

### 119
EU Pilot hija sistema li permezz tagħha l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiddiskutu ksur possibbli tal-liġi tal-UE li jikkonċerna traspożizzjoni mhux korretta jew applikazzjoni ħażina tal-*acquis* tal-UE. Każ EU Pilot jingħalaq jekk id-diskussjonijiet mal-Istati Membri jwasslu għal eżitu sodisfaċenti, jew jista' jiskatta proċedura ta' ksur (billi tintbagħat ittra ta' tqegħid fil-mora lill-Istat Membru), jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm ksur tal-liġi tal-UE mill-Istat Membru. EU Pilot ma għandux il-funzjoni ta' għodda li toffri rimedji fil-każijiet individwali iżda jindirizza kwistjonijiet ġenerali ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

## Rakkomandazzjoni 7

Il-Kummissjoni taċċetta l-ewwel parti tar-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni ħadet impenn li tillimita kemm jista' jkun il-ħin meħtieġ għal investigazzjoni fl-ambitu ta' EU Pilot ksur allegat tal-liġi tal-UE. Fir-rigward tat-tieni parti tar-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni ma tiddivulga xejn dwar jekk EU Pilot fuq suġġett partikolari huwiex pendenti fil-konfront ta' Stat Membru partikolari. Il-Kummissjoni tagħmel skambju ta' prattiki tajba mal-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, inkluż it-tħaddim ta' EU Pilot, f'fora apposta. Il-Kummissjoni tippubblika informazzjoni dwar EU Pilot billi tiġmagħha fir-Rapport Annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE (COM(2015)329). Kieku l-Kummissjoni kellha tippubblika informazzjoni speċifika dwar kaž EU Pilot, dan ikun imur kontra l-obbligi ta' kunfidenzjalità li għandha fil-konfront tal-Istati Membri fil-kuntest tal-azzjoni qabel jinstab il-ksur (li jaf jikkomprometti l-fiduċja tal-awtoritajiet nazzjonali f'dawn il-każijiet u f'oħrajn). Il-prassi tal-Kummissjoni li tittratta b'mod kunfidenzjali l-investigazzjonijiet EU Pilot li jinsabu għaddejjin ġiet ikkonfermata mill-QtĠ tal-Unjoni Ewropea (is-sentenza Petrie (il-Kawża T-191/99), is-sentenza Spirlea (il-Kawża T 306/12), ClientEarth vs il-Kummissjoni, T-424/14 u T-425/14). Dawn is-sentenzi ngħataw f'rabta ma' rikjesti għal aċċess għad-dokumenti.

Fid-dawl tal-preċedenti, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-politika ta' tixrid attwali tagħha toħloq bilanċ xieraq bejn il-bżonn li tippromovi l-aħjar prattiki dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE u r-relazzjoni ta' kunfidenzjalità tal-Kummissjoni mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni ħadet impenn li tixtarr l-aqwa modi biex ixxerred l-informazzjoni miġmugħa dwar EU Pilot.

## 120

L-istrateġija ta' infurzar fil-qasam kopert mid-Direttiva hija bbażata fuq strumenti differenti: ksur, CSR, u djalogu mal-Istati Membri. L-azzjoni min-naħa tal-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-istrumenti differenti kollha. Mill-2007, il-Kummissjoni stabbiliet il-prijoritajiet tagħhom bis-saħħa ta' azzjoni ta' infurzar, u l-Kummissjoni stabbiliet il-prijoritajiet tagħhom fil-Komunikazzjoni tal-2012. Dawn il-prijoritajiet twettqu filwaqt li, naturalment, tqies l-obbligu tal-Kummissjoni bħala l-għassiesa tat-Trattat.

## Rakkomandazzjoni 8

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Tikkunsidra li l-għan tal-proċediment ta' ksur huwa li ġġib fi tmiemu ksur tal-liġi tal-UE u tiżgura l-konformità fl-aktar stadju bikri possibbli, u hija impenjata li tražžan kemm jista' jkun iż-żmien meħtieġ biex dan l-għan jintlaħaq. Madankollu l-aktar mod effettiv biex dan l-għan jintlaħaq, mhux dejjem ikun marbut mal-ħeffa ta' proċedura ta' ksur, billi xi drabi jekk proċedura ta' ksur jitkompla mingħajr ma jitqiesu sitwazzjonijiet kontinġenti jista' jkun hemm riżultati kontraproduttivi.

Minn mindu ddaħħal EU Pilot, l-għadd ta' proċeduri ta' ksur u għaldaqstant, ta' tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, naqas drastikament, minħabba l-fatt li s-soluzzjonijiet spiss jinstabu fl-ambitu ta' EU Pilot. L-għan primarju tal-politika tal-Kummissjoni huwa li tikkonvinċi lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni sabiex jindirizza kwistjonijiet ta' konformità.

# KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

Huwa rikonoxxut b'mod ġenerali li s-suq tas-servizzi ma kisibx il-potenzjal sħiħ tiegħu f'termini ta' kummerċ intra-UE. Id-Direttiva dwar is-Servizzi għandha l-għan li tnaqqas l-ostakli legali u amministrattivi għall-fornituri u għar-riċevituri ta' servizzi, iżda xi snin wara li għaddiet id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tagħha fl-2009, għad baqa' xi ostakli li mhumiex iġġustifikati. L-awditu sab li għalkemm il-Kummissjoni rnexxielha tidentifika problemi fl-Istati Membri, hija ma kkontestatx biżżejjed ċerti tipi ta' ostakli, u l-miżuri li ttieħdu ma kisbux riżultati malajr biżżejjed. Il-fornituri ta' servizzi u l-konsumaturi għadhom qed iħossuhom frustrati minħabba li ma għandhomx il-livell ta' aċċess għas-Suq Intern li huwa intenzjonat bid-Direttiva.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet